Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2135(INI)

12.11.2025

EMENDI
230 - 630

Abbozz ta' rapport
Anna Strolenberg
(PE778/093v01-00)

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2024 u fl-2025
(2025/2135(INI))

Emenda 230
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligi tagħha u twettaq valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa fuq id-drittijiet fundamentali qabel ma tippreżenta proposta leġiżlattiva; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni ma tużax ħażin il-proċeduri rapidi u, meta jkun meħtieġ, tniedi proċeduri ta' ksur;***

Or. en

Emenda 231
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***huwa mħasseb dwar in-nuqqas tal-istituzzjonijiet tal-UE, speċjalment wara l-elezzjonijiet Ewropej, li jiddenunzjaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali u li jistiednu lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzawhom;***

Or. en

Emenda 232
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim

Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***jinnota li, fin-nuqqas ta' definizzjoni uniformi tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2, dawn għandhom jinftiehmu u jiġu interpretati f'rabta mill-qrib mad-diversi tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri;***

Or. pl

Emenda 233
Marieke Ehlers, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jirrispettaw u jippromwovu*** l-valuri tal-UE ***kif*** minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiżguraw li*** l-valuri tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE ***jiġu rispettati u promossi permezz tal-protezzjoni universali tad-drittijiet fundamentali għall-persuni kollha fl-Unjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tal-UE***;

Or. en

Emenda 234
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***, u jisħaq fuq l-importanza li jitqies b'mod sistematiku l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali meta jitħejjew u jiġu ppreżentati proposti leġiżlattivi***;

Or. en

Emenda 235
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***u lill-Istati*** Membri ***jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tirrispetta l-valuri, l-uniċità u l-wirt tal-Istati*** Membri ***f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TUE u l-Artikolu 167 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 236
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni*** u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ ***lill-istituzzjonijiet kollha*** u lill-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. sk

Emenda 237

Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***u lill-Istati*** Membri ***jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tirrispetta s-sovranità u l-kompetenzi tal-Istati*** Membri;

Or. en

Emenda 238
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw ***u jippromwovu l-valuri*** tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;	1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw ***il-valuri*** tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. fi

Emenda 239
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 240
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 241
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta ***tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-Istati Membri***; ***jesprimi tħassib dwar l-implimentazzjoni inadegwata ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta li tirriżulta minn interpretazzjonijiet nazzjonali diverġenti; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri effettivi biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u uniformi tal-Karta fl-Istati Membri kollha;***

Or. en

Emenda 242
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta ***u jfakkar li din l-għodda trid tibqa' komplementari għar-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt***; ***jenfasizza li ż-żewġ eżerċizzji għandhom ikunu koerenti, isaħħu lil xulxin u jippermettu monitoraġġ konsistenti madwar l-Unjoni;***

Or. en

Emenda 243
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta; ***jitlob li jittejbu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, inkluż f'kooperazzjoni mad-Drittijiet Fundamentali, bil-għan li l-individwi jkunu jistgħu jieħdu sjieda sħiħa tad-drittijiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 244
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni

tal-Karta;	tal-Karta ***billi tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni tagħha madwar l-UE, inkluża valutazzjoni komprensiva ta' kull dispożizzjoni tal-Karta u rakkomandazzjonijiet immirati lill-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 245
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta***, inkluż billi ttejjeb il-profondità analitika tagħhom u billi tipprovdi segwitu aktar ċar dwar l-isfidi identifikati tad-drittijiet fundamentali***;

Or. en

Emenda 246
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***ssaħħaħ ir-rapporti*** annwali dwar ***l-applikazzjoni tal-Karta***;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżgura imparzjalità politika fir-rapporti*** annwali dwar ***il-Karta***;

Or. fi

Emenda 247
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Ifaħħar ir-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u fl-appoġġ lil dawk li jfasslu l-politika biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u promossi fil-leġiżlazzjoni u l-politika eżistenti u futuri tal-UE; jishaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati aktar riżorsi umani u finanzjarji lill-aġenzija sabiex jiġi żgurat li l-FRA tkun tista' twettaq bis-sħiħ u b'mod effiċjenti d-dmirijiet fdati lilha;

Or. en

Emenda 248
Marieke Ehlers, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà primarja tagħhom li jipproteġu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħhom, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-integrità tal-persuna, u jiżguraw li dan id-dmir ikun il-kunsiderazzjoni ewlenija meta jiġu bbilanċjati d-diversi drittijiet u interessi involuti fit-tfassil tal-politika pubblika, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà u l-migrazzjoni;

Or. en

Emenda 249

Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni u fl-għoti ta' data, analiżi u pariri lil dawk li jfasslu l-politika; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkomplu jiġu allokati riżorsi umani u finanzjarji adegwati lill-Aġenzija biex tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 250
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 251
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 252
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni;	3. ***Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sistematika tal-Karta;*** jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni ***biex jissaħħaħ l-infurzar prattiku ta' dawn il-kundizzjonijiet, filwaqt li jiġu żgurati trasparenza u parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati msaħħa***;

Or. en

Emenda 253
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni;	3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni***, inkluża l-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni biex jiġi żgurat li l-programmi tal-Unjoni jiġu implimentati bis-sħiħ f'konformità mal-Karta u mal-valuri tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***;

Or. en

Emenda 254
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni;	3. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni***, u jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-istrumenti eżistenti biex tkompli ssaħħaħ l-effettività u l-koerenza tagħhom, inkluż fil-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki tal-UE fuq id-drittijiet fundamentali***;

Or. en

Emenda 255
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni***;	3. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-Kummissjoni***;

Or. en

Emenda 256
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' l-inizjattiva ta' diversi

mexxejja Ewropej, kif espressa fl-ittra miftuħa tagħhom, biex jinbeda dibattitu kostruttiv dwar il-bilanċ bejn is-sovranità nazzjonali, is-sigurtà, u l-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-Kunsill tal-Ewropa u l-gvernijiet nazzjonali biex jiżguraw li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tibqa' effettiva filwaqt li jirrispettaw il-kapaċità tal-Istati Membri li jissalvagwardjaw l-ordni pubbliku, is-sigurtà nazzjonali u l-valuri demokratiċi;

Or. en

Emenda 257
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza s-sejbiet tar-Rapport tal-FRA għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali, li jisħqu li minkejja l-progress li sar, l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-livell nazzjonali għadha irregolari; jistieden lill-Istati Membri kollha jiddeżinjaw punti fokali nazzjonali ċari għall-Karta u jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, il-politiki, u l-proġetti ffinanzjati mill-UE nazzjonali jkunu kompletament konformi mal-Karta;

Or. en

Emenda 258
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jesprimi tħassib dwar it-tentattivi biex tiġi ristretta l-libertà tal-espressjoni, inkluża dik online; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw il-qafas regolatorju f'dan il-qasam, u jirrispettaw il-libertà tal-kelma u l-libertà tal-espressjoni; jopponi l-introduzzjoni taċ-ċensura fil-forma tal-kriminalizzazzjoni tal-hekk imsejjaħ "diskors ta' mibegħda" u r-rieżami tad-Direttiva 2008/140 f'dan il-kuntest;

Or. pl

Emenda 259
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità tad-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li qabel ma jiġu applikati tali miżuri mill-Kunsill għandu jiġi ggarantit id-dritt li wieħed jinstema', speċjalment meta jkun hemm riskju li jiddgħajfu d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE;

Or. en

Emenda 260
Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa, Roberto Vannacci, Petra Steger, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jinnota bi tħassib li ż-Żoni b'Emissjonijiet Baxxi jillimitaw il-kapaċità taċ-ċittadini b'introjtu baxx li jivvjaġġaw lejn l-ibliet tal-UE u madwarhom; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jtemmu dawn iż-Żoni peress li jaffettwaw serjament il-libertà fundamentali ta' moviment;

Or. en

Emenda 261
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jissottolinja li r-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, għandu jissaħħaħ b'tali mod li jkun jista' jintuża direttament għad-determinazzjoni tal-użu ta' strumenti eżistenti oħra mis-Sett ta' Għodod tal-Istat tad-Dritt; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiċċara l-iskadenzi u l-livelli ta' limitu li fihom in-nuqqasijiet identifikati fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt għandhom jitqiesu serji biżżejjed biex jiġġustifikaw ir-rikors għal dawn l-istrumenti;

Or. en

Emenda 262
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 263
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu*** tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;	4. ***Ifakkar li l-"Mekkaniżmu*** tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali***" previst oriġinarjament issa evolva f'sistema usa' peress li s-sett ta' għodod disponibbli għall-Unjoni ġie estiż b'mod sinifikanti***; ***jenfasizza li l-effettività tas-sistema tiddependi mill-applikazzjoni koerenti u konsistenti tagħha fl-istituzzjonijiet kollha; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit Semestru Ewropew tal-Istat tad-Dritt, bi struttura ċara, stadji importanti fissi u kontributi attivi mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jissottolinja li, filwaqt li jkun inizjalment iffukat fuq l-istat tad-dritt, tali Semestru għandu jitfassal b'mod li jippermetti li jiġi estiż progressivament għall-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, filwaqt li jiġi żgurat approċċ komprensiv u konsistenti għall-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza li dan iċ-ċiklu annwali jrid jibbaża fuq indikaturi solidi u oġġettivi u li fir-rigward tas-sejbiet għandu jwassal għal konsegwenzi reali u prevedibbli, li jirriflettu l-loġika tas-Semestru Ewropew applikata għall-finanzi pubbliċi;***

Or. en

Emenda 264
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;	4. ***Jisħaq ir-rabta intrinsika bejn id-deterjorament tal-istat tad-dritt u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali, l-attakki fuq is-soċjetà ċivili u l-erożjoni tad-demokrazija;*** itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali***, li jinkludi l-valuri kollha tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 tat-TUE u bbażat fuq ftehim interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, biex jiġi żgurat approċċ unifikat għall-monitoraġġ annwali fl-Istati Membri kollha, skadenzi ċari u miżuri konkreti għal każijiet li fihom in-nuqqasijiet għandhom ma ġewx indirizzati***;

Or. en

Emenda 265
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija***, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;	4. ***Jinnota li, flimkien mal-mekkaniżmi eżistenti għall-protezzjoni tad-demokrazija***, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali***, hemm ħtieġa ta' valutazzjoni kontinwa ta' jekk l-istrumenti disponibbli fil-livell tal-Unjoni humiex***

adegwati u konsistenti mal-kompetenzi mogħtija mit-Trattati*; *jinnota l-mekkaniżmu ta' "Tarka għad-Demokrazija" li għadu kif ġie propost mill-Kummissjoni u jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jinvolvi ruħu b'mod kostruttiv fl-iżvilupp ulterjuri tiegħu;

Or. en

Emenda 266
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Itenni l-ħtieġa*** li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;	4. ***Jopponi ideat*** li jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

Or. pl

Emenda 267
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Itenni l-ħtieġa li ***jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali***;	4. Itenni l-ħtieġa li ***jsir użu effettiv mill-mekkaniżmi eżistenti minflok ma jinħolqu mekkaniżmi ġodda;***

Or. sk

Emenda 268
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas persistenti tal-Kunsill li jagħmel progress tanġibbli fil-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE kontra l-Ungerija; jisħaq li l-Unjoni ma tistax tittollera ksur permanenti tal-valuri fundamentali tagħha; jitlob lill-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż bi skadenzi ċari u parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tiskatta proċedura simili skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tas-Slovakkja, fid-dawl tal-iżviluppi reċenti li jaffettwaw l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-media u l-investigazzjonijiet tal-korruzzjoni;

Or. en

Emenda 269
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jiddeplora l-politika f'ċerti Stati Membri li tisfida l-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-UE kif ukoll tad-dritt internazzjonali taħt il-pretest falz tal-protezzjoni tal-"identità nazzjonali"; jissottolinja li s-supremazija tad-dritt tal-UE tikkostitwixxi l-pedament tal-funzjonament tal-Unjoni u tar-rispett għall-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha, li l-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom għaliha mal-adeżjoni; jisħaq li billi jpoġġu f'dubju dan il-prinċipju, tali gvernijiet effettivament iqajmu dubji dwar l-aderenza tagħhom

stess mal-valuri u l-obbligi tas-sħubija fl-UE;

Or. en

Emenda 270
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jikkundanna l-użu ta' interventi vjolenti u sproporzjonati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi matul dimostrazzjonijiet paċifiċi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti nazzjonali jiżguraw investigazzjoni trasparenti, imparzjali, indipendenti u effettiva meta jkun hemm suspett jew allegazzjoni li tkun intużat forza sproporzjonata; ifakkar li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi huma totalment responsabbli għat-twettiq ta' dmirijiethom u għall-konformità tagħhom mal-oqfsa legali u operazzjonali rilevanti;

Or. en

Emenda 271
Nikola Minchev, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Lucia Yar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk b'għadd sinifikanti ta' sentenzi tal-QEDB mhux implimentati, jaċċeleraw l-implimentazzjoni tagħhom u jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ nazzjonali trasparenti biex jiżguraw il-konformità; jistieden lill-Kummissjoni u

lill-Kunsill isaħħu l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni tal-eżekuzzjoni effettiva ta' dawn is-sentenzi;

Or. en

Emenda 272
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Itenni li r-rigress demokratiku, l-attakki fuq l-indipendenza ġudizzjarja u t-theddid għall-ispazju ċiviku mhumiex inċidenti iżolati iżda parti minn erożjoni sistemika tal-istat tad-dritt f'diversi Stati Membri, kif ikkonfermat mir-Rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-2025 u r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025; jisħaq li dawn ix-xejriet idgħajfu l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u l-funzjonament xieraq tas-suq intern;

Or. en

Emenda 273
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Istati Membri għandhom livelli ta' limitu differenti għall-użu tal-forza u tal-armi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għaż-żamma tal-ordni pubbliku; iħeġġeġ il-projbizzjoni ta' ċerti tipi ta' armi u apparati anqas letali għaż-żamma tal-ordni pubbliku, bħal gass tad-dmugħ,

granati ta' diżorjentazzjoni u lanċaturi LBD 40; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jadottaw liġijiet restrittivi dwar il-libertà ta' għaqda;

Or. en

Emenda 274
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jisħaq li l-arresti diskrezzjonali tal-massa ta' dimostranti potenzjali għandhom jiġu evitati; jistieden lill-Istati Membri jużaw prattiki alternattivi għaż-żamma tal-ordni pubbliku li diġà wrew li huma effettivi f'xi Stati Membri, speċjalment il-komunikazzjoni diretta mad-dimostranti, inkluż permezz ta' skrins kbar, filwaqt li jevitaw, sa fejn ikun possibbli, il-kuntatt fiżiku mad-dimostranti u d-dipendenza minn uffiċjali ta' medjazzjoni bi sfond ta' taħriġ fil-psikoloġija u s-soċjoloġija;

Or. en

Emenda 275
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jinnota bi tħassib iż-żieda fl-indħil politiku fil-ġudikatura, il-fastidju tal-imħallfin u tal-prosekuturi, u l-użu ta' proċedimenti dixxiplinari biex isikktu l-ilħna ġudizzjarji indipendenti, kif enfasizzat mill-FRA u mill-Kunsill tal-

Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u tiżgura li l-fondi tal-UE ma jikkontribwux għall-ksur tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. en

Emenda 276
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jesprimi tħassib serju dwar il-ksur sistemiku kontinwu tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, li ilha taħt il-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE mill-2018 mingħajr progress tanġibbli; jiddeplora d-dgħufija intenzjonata tal-indipendenza ġudizzjarja, il-pluraliżmu tal-media u l-libertà akkademika, l-użu ħażin tas-setgħat ta' emerġenza, u l-immirar tas-soċjetà ċivili u tal-persuni LGBTIQ+; jinnota li r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt u r-Rapport tal-FRA għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali jikkonfermaw deterjorament ulterjuri tas-sistema ta' kontrokontrolli, kif ukoll korruzzjoni mifruxa u nuqqas ta' konformità mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li dawn ix-xejriet jikkostitwixxu theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE u jħeġġeġ lill-Kunsill jimxi 'l quddiem skont l-Artikolu 7(2) tat-TUE u lill-Kummissjoni tinforza b'mod rigoruż ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 277

Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu linji gwida għall-UE kollha għal proċess ta' għażla, ittestjar u prova trasparenti, indipendenti u konsistenti għall-armi użati mill-persunal tal-infurzar tal-liġi, abbażi tal-istandards, ir-rakkomandazzjonijiet u l-prinċipji gwida tan-NU; jinnota li din il-valutazzjoni għandha tiddetermina l-konformità mad-dritt u l-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem qabel l-għażla u l-użu; jistieden lill-Istati Membri jiġbru data dwar l-użijiet kollha tal-forza biex jippermettu l-ġbir ta' provi dwar l-użu, l-użu ħażin, il-konsegwenzi mhux mistennija, il-korrimenti u l-imwiet u l-kawżi tagħhom;

Or. en

Emenda 278
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. ***Jinnota bi tħassib il-konklużjonijiet tar-rapport dwar l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Transparency International għall-2024, li jiddikjara li għalkemm "l-aqwa punteġġ jiksbuh l-Ewropa tal-Punent u l-Unjoni Ewropea, [...] dan naqas b'mod ġenerali għat-tieni sena konsekuttiva – ħafna mexxejja qed iservu interessi kummerċjali aktar milli l-ġid komuni u l-liġijiet spiss ma jiġux infurzati sew"; iħeġġeġ*** lill-Istati

Membri ***jżidu l-isforzi tagħhom biex*** jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ ***mal-obbligi internazzjonali tagħhom, inklużi dawk skont il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-korruzzjoni, u biex jikkonformaw bis-sħiħ*** mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO; ***jesprimi tħassib dwar iż-żarmar ta' oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni minn xi Stati Membri, kif inhu l-każ fis-Slovakkja, fejn il-GRECO qed jitlob li terġa' tiġi stabbilita l-ispeċjalizzazzjoni tal-korpi kontra l-korruzzjoni, u jinnota bi tħassib it-tħabbir ta' passi simili mill-gvern f'Varsavja; jikkunsidra li qafas robust kontra l-korruzzjoni huwa essenzjali wkoll fil-kuntest tat-tkabbir tal-UE, kif muri mill-protesti reċenti fl-Ukrajna kontra ż-żarmar u t-telf tal-indipendenza ta' istituzzjonijiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni, kif ukoll l-oppożizzjoni tal-massa tas-Serbi għall-korruzzjoni;***

Or. pl

Emenda 279
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. ***Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livell ta' korruzzjoni osservata f'diversi Stati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari ta' każijiet li jinvolvu uffiċjali u politiċi ta' livell għoli;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO***, inklużi dawk fil-5 Ċiklu ta' Evalwazzjoni tiegħu dwar persuni bl-ogħla funzjonijiet eżekuttivi u aġenziji tal-infurzar tal-liġi[1a]***;

[1a] https://rm.coe.int/horizontal-study-5th-round-eng/1680b631a3

Or. en

Emenda 280
David Casa, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Chloé Ridel, Daniel Freund, Mariusz Kamiński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw Direttiva ambizzjuża dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u jiżguraw implimentazzjoni effettiva, f'waqtha u saħansitra aktar ambizzjuża biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;***

Or. en

Emenda 281
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO***, u jadottaw malajr Direttiva ambizzjuża dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u jiżguraw implimentazzjoni effettiva, f'waqtha u saħansitra aktar ambizzjuża biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni***;

Or. en

Emenda 282
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO; ***jistedinhom jiżguraw it-trasparenza fl-infiq pubbliku u l-finanzjament politiku, u jipproteġu l-maġistrati, il-ġurnalisti u l-impjegati taċ-ċivil li jesponu l-infiltrazzjoni kriminali;***

Or. en

Emenda 283
Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO; ***jitlob li jiġu pprojbiti l-liġijiet dwar l-amnestija u l-maħfriet għal reati ta' korruzzjoni, peress li dan iwassal għal impunità u jdgħajjef b'mod profond il-fiduċja pubblika fl-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi;***

Or. en

Emenda 284
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;	5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jikkonformaw bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO ***kif ukoll ma' dawk maħruġa minn korpi internazzjonali u Ewropej rilevanti oħra, inkluż l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)***;

Or. en

Emenda 285
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni tuża b'mod sistematiku r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni minn użu ħażin fl-Istati Membri li fihom jippersistu nuqqasijiet strutturali fl-istat tad-dritt; ifakkar li r-riformi parzjali jew simboliċi fl-Ungerija u fis-Slovakkja ma jistgħux jissostitwixxu konformità ġenwina mal-indipendenza ġudizzjarja, garanziji effettivi kontra l-korruzzjoni u rispett għas-soċjetà ċivili; jissottolinja li dawn l-elementi huma intrinsikament marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-dritt għal rimedju effettiv, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u l-aċċess għall-ġustizzja, kif minquxa fl-Artikoli 20 u 47 tal-Karta;

Or. en

Emenda 286
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Itenni li s-sorveljanza kollha trid isseħħ f'konformità mal-liġi, isservi għan leġittimu u tkun meħtieġa u proporzjonata; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali ta' xi Stati Membri ma jipprovdix salvagwardji preċiżi, effettivi u komprensivi dwar l-ordni u l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza u l-mekkaniżmi ta' rimedju potenzjali kontrihom; jissottolinja li l-miżuri kollha ta' sorveljanza jridu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju adegwat u sorveljanza effettiva;

Or. en

Emenda 287
Nikola Minchev, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota bi tħassib li f'xi Stati Membri d-detenzjoni ta' qabel il-proċess tintuża b'mod eċċessiv jew mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċaħda tal-libertà qabel il-proċess tiġi applikata biss bħala l-aħħar alternattiva, f'konformità sħiħa mal-istandards tal-KEDB u l-preżunzjoni tal-innoċenza, u jsaħħu s-sorveljanza ġudizzjarja u r-rieżami perjodiku tad-deċiżjonijiet ta' detenzjoni;

Or. en

Emenda 288
Jorge Buxadé Villalba, Roberto Vannacci, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi rispettata s-separazzjoni tas-setgħat fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fi Spanja, bil-Prosekutur Ġenerali jipproteġi b'mod attiv l-interessi tal-Gvern attwali, u li bħalissa jinsab taħt proċess għar-rivelazzjoni ta' sigrieti waqt li kien fil-kariga;

Or. en

Emenda 289
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jipprevjenu, jikkoreġu u jissanzjonaw l-abbuż tal-poteri diskrezzjonali u jagħtu raġunijiet adegwati għad-deċiżjonijiet tagħhom, b'mod partikolari meta jolqtu d-drittijiet tal-individwi;

Or. en

Emenda 290
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi u tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tagħha;

Or. en

Emenda 291
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Huwa mħasseb dwar il-każijiet ta' invokazzjoni mhux ġustifikata tas-"sigurtà nazzjonali" għall-ġustifikazzjoni tal-użu ta' software ta' spjunaġġ u biex tiġi żgurata segretezza assoluta u nuqqas ta' obbligu ta' rendikont; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE li sempliċi referenza għas-sigurtà nazzjonali ma tistax tiġi interpretata bħala li tikkostitwixxi eżenzjoni illimitata mill-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u għandha tirrikjedi ġustifikazzjoni ċara, u jistieden lill-Kummissjoni ssegwi dik id-dikjarazzjoni fil-każijiet li fihom hemm indikazzjonijiet ta' abbuż; iqis li f'soċjetà demokratika u trasparenti li tirrispetta l-istat tad-dritt, tali limitazzjonijiet f'ġieħ is-sigurtà nazzjonali se jkunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola;

Or. en

Emenda 292
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintegraw is-sejbiet tar-Rapport tal-FRA għall-2025 dwar id-Drittijiet Fundamentali fiċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt; jisħaq li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni, l-ugwaljanza u l-aċċess għall-ġustizzja, hija inseparabbli mill-prinċipju tal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 293
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 294
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku; ***jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fl-attakki kontra l-ġurnalisti u l-pubblikaturi, b'impatt sproporzjonat fuq in-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti, inklużi l-ġurnalisti investigattivi u l-verifikaturi tal-fatti li huma partikolarment esposti; jenfasizza l-fatt li l-aktar forom komuni ta' theddid jinkludu l-attakki verbali, il-fastidju online, l-intimidazzjoni permezz tal-media soċjali u l-posta elettronika, u t-theddid legali, inklużi l-kawżi koperti mid-Direttiva Anti-SLAPP ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), kif ukoll każijiet ta' stalking u fastidju personali; jitlob li jiġu introdotti ċirkostanzi aggravanti speċifiċi fid-dritt kriminali għal reati mwettqa kontra l-ġurnalisti meta tali atti jkunu mmotivati mill-attivitajiet professjonali tagħhom jew marbuta magħhom;***
	Or. en

Emenda 295
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku ***u trasparenza fis-sjieda tal-media***; ***ifakkar li l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, inklużi media tal-aħbarijiet ta' kwalità għolja,***

iffinanzjata b'mod sostenibbli u trasparenti u indipendenti, ġurnalisti, kemm tradizzjonali kif ukoll diġitali, indipendenti u investigattivi, verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi, u media tas-servizz pubbliku indipendenti b'saħħitha huma essenzjali għad-demokrazija, garanzija kontra l-abbuż tal-poter u l-aħjar antidotu għad-diżinformazzjoni;

Or. en

Emenda 296
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż ***in-nuqqas ta' indipendenza*** tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż ***l-isfidi għall-indipendenza*** tal-media tas-servizz pubbliku***, u jilqa' l-adozzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali bħala passi importanti lejn is-salvagwardja tal-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza editorjali u ambjent tal-informazzjoni online aktar sikur madwar l-Unjoni, u jissottolinja l-importanza li tiġi mmonitorjata u infurzata mill-qrib l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tagħhom***;

Or. en

Emenda 297
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku***, li kien evidenti b'mod partikolari matul il-kampanja presidenzjali reċenti fil-Polonja, meta l-media tas-servizz pubbliku wettqet kampanja preġudikata u propagandistika f'isem il-kandidat mill-kamp fil-gvern, u saħansitra ffinanzjatha illegalment***;

Or. pl

Emenda 298
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku ***fir-rigward tal-indipendenza editorjali u l-integrità ġurnalistika*** u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku; ***jenfasizza l-importanza li tinżamm media ħielsa u indipendenti bħala pedament ta' soċjetà demokratika;***

Or. en

Emenda 299
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku; ***ifakkar, madankollu, li f'demokraziji liberi, il-media trid tkun miftuħa wkoll għall-kritika;***

Or. fi

Emenda 300
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni***,*** fl-indħil politiku u ***fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu*** f'diversi Stati Membri***, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku***;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni ***esterna u*** fl-indħil politiku ***mill-NGOs*** u ***l-kampanji tal-media li jinfluwenzaw id-diskors intern u l-opinjoni pubblika*** f'diversi Stati Membri;

Or. en

Emenda 301
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar ***iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media*** u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, ***inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media*** tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar ***in-nuqqas ta' indipendenza u professjonaliżmu tal-media*** u l-ġurnaliżmu f'diversi Stati Membri, ***inkluża l-media*** tas-servizz pubbliku;

Or. sk

Emenda 302
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu ***f'diversi Stati Membri***, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;	6. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fil-pressjoni, fl-indħil politiku u fl-attakki fuq il-media u l-ġurnaliżmu, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku;

Or. en

Emenda 303
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jiddeplora ż-żieda fl-użu ta' attakki verbali minn uffiċjali ta' livell għoli f'xi Stati Membri kontra ġurnalisti individwali; jenfasizza li l-ġurnalisti nisa huma partikolarment fil-mira, b'referenzi għall-istat ċivili, il-ħajja tal-familja jew l-apparenza fiżika tagħhom; jisħaq li ambjent negattiv bħal dan għax-xogħol ġurnalistiku għandu mnejn iwassal għal ċertu grad ta' awtoċensura fix-xogħol tagħhom u jkollu konsegwenzi għall-għażla tal-perkors tal-karriera tal-ġurnalisti;

Or. en

Emenda 304
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-gvern ta' Donald Tusk biex joqgħod lura minn kwalunkwe ksur ulterjuri tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u minn kwalunkwe żarmar ulterjuri tal-istituzzjonijiet indipendenti li fuqhom huwa bbażat l-ordni ġuridiku Pollakk, inkluż attakki fuq it-Tribunal Kostituzzjonali, li jservi bħala s-sinsla tas-sistema legali Pollakka; jinnota li l-gvern ta' Donald Tusk se jiffaċċja konsegwenzi penali minħabba l-bidla radikali tal-ordni kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja u l-introduzzjoni ta' illegalità sistemika;

Or. pl

Emenda 305
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jikkundanna l-istrateġiji oppressivi użati minn xi gvernijiet tal-Istati Membri bħall-użu ta' SLAPPs u kampanji ta' malafama, kif ukoll iż-żieda fis-sjieda tal-media madwar l-UE u l-kontroll tal-Istat fuq il-media pubblika, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet akkademiċi, li jwasslu għall-awtoċensura u d-deterjorament dejjem jikber tal-libertà tal-media u dik akkademika;

Or. en

Emenda 306
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi tħassib serju dwar it-tentattivi biex tiġi introdotta ċ-ċensura u tiġi ristretta l-libertà tal-kelma fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 307
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li f'pajjiżi bħall-Polonja, wara li ħa s-setgħa kamp li jsostni li hu demokratiku, il-prinċipji ta' stat demokratiku mmexxi mill-istat tad-dritt qed jiġu sostitwiti minn politika ta' ritaljazzjoni, persekuzzjoni tal-oppożizzjoni, proċessi politiċi, detenzjoni preventiva u anke każijiet ta' tortura, li jirriżultaw fl-istabbiliment ta' sistema kważi awtoritarja deskritta minn Donald Tusk bħala "demokrazija tal-ġlied";

Or. pl

Emenda 308
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Iwissi kontra l-influwenza dejjem tikber tal-oligarki allinjati mal-gvern fuq il-media u l-użu tagħhom bħala għodda għall-propaganda politika; jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media f'Awwissu 2025 u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu;

Or. en

Emenda 309
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Iqis li t-teħid illegali u bil-forza tal-media tas-servizz pubbliku fil-Polonja, inkluż l-għeluq tax-xandiriet tar-radju u tat-televiżjoni għal diversi jiem bl-użu ta' metodi tas-servizz sigriet u bi ksur tad-drittijiet u l-istandards kollha mill-gvern ta' Donald Tusk, huwa inkompatibbli mal-istandards Ewropej; jitlob li dawn id-deċiżjonijiet jiġu rrevokati, li jittieħdu konsegwenzi legali u li jingħata kumpens;

Or. pl

Emenda 310
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;	7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja; ***; jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza, intimidazzjoni u sorveljanza kontra l-ġurnalisti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni immedjata u effettiva għal dawk mhedda, inkluż, meta jkun meħtieġ, skorta adegwata tal-pulizija u appoġġ għall-familji tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jtemmu l-impunità permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet bir-reqqa u trasparenti;***

Or. en

Emenda 311
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati*** kontra l-ġurnalisti ***f'diversi*** Stati Membri ***bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja***;	7. ***Jesprimi dispjaċir għal kwalunkwe nuqqas fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati*** kontra l-ġurnalisti ***fl-Istati Membri; jilqa' l-miżuri meħuda minn diversi Stati Membri biex jipproteġu lill-ġurnalisti; jirrikonoxxi li diversi*** Stati Membri ***adottaw Pjanijiet ta' Azzjoni ddedikati u ħadu passi biex jistabbilixxu strutturi ta' appoġġ iddedikati li jippromwovu s-sikurezza tal-ġurnalisti, kif stipulat fir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-2025 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea***;

Or. en

Emenda 312

Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;	7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja; ***jagħti ġieħ lil Ján Kuciak u lil Daphne Caruana Galizia u lill-ħidma essenzjali tagħhom bħala ġurnalisti investigattivi u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li fl-aħħar issir ġustizzja;***

Or. en

Emenda 313
David Casa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;	7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja; ***jissottolinja li n-nuqqas ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni tar-reati esposti mill-ġurnalisti jpoġġihom f'riskju akbar ta' theddid u vjolenza;***

Or. en

Emenda 314
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;	7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja; ***jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' salvagwardji aktar b'saħħithom, investigazzjonijiet effettivi, u oqfsa legali robusti biex jiġu protetti l-ġurnalisti;***

Or. en

Emenda 315
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati*** kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri ***bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja***;	7. ***Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqasijiet persistenti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati mwettqa*** kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri***, u jappella għal sforzi msaħħa biex jiġu rispettati l-ġustizzja u l-istat tad-dritt***;

Or. en

Emenda 316
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri ***bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja***;	7. Jiddeplora n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti f'diversi Stati Membri;

Or. en

Emenda 317
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jiddeplora ***n-nuqqasijiet sistemiċi biex jiġu investigati u mressqa l-qorti r-reati kontra l-ġurnalisti*** f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;	7. Jiddeplora ***t-tixrid tad-diżinformazzjoni u ta' informazzjoni infondata minn ġurnalisti*** f'diversi Stati Membri bħal Malta, il-Greċja u s-Slovakkja;

Or. sk

Emenda 318
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jappella għat-tisħiħ tal-protezzjoni għal individwi li qed jiġġieldu l-korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-gvern; jesprimi dispjaċir li f'ċerti Stati Membri, inkluża l-Polonja, l-individwi li qed jiġġieldu l-korruzzjoni huma soġġetti għal ritaljazzjoni u persekuzzjoni, anke 12-il sena jew aktar wara li ġew żvelati każijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-gvern;

Or. pl

Emenda 319
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-ġurnalisti għal xogħolhom u jishaq li l-ġurnalisti ma għandhomx jintbagħtu l-ħabs jew jiġu mhedda b'sentenza ta' ħabs għal malafama; jistieden lill-Istati Membri ma jimponux sanzjonijiet kriminali għal reati marbuta mal-media;

Or. en

Emenda 320
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-gvern ta' Donald Tusk josserva l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u l-liġijiet, u josserva u jimplimenta s-sentenzi tat-Tribunal Kostituzzjonali, li huma finali u vinkolanti b'mod universali;

Or. pl

Emenda 321
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jesprimi tħassib dwar l-esklużjoni mill-gvern ta' Tusk tal-istrumenti tal-media tal-oppożizzjoni – b'mod partikolari l-istazzjon televiżiv "Telewizja Republika"

– minn konferenzi stampa, li tmur kontra l-istandards internazzjonali, u r-restrizzjonijiet assoċjati fuq l-aċċess għall-informazzjoni u l-obbligu ta' rendikont tal-gvern; jikkundanna b'mod partikolari r-rifjut li l-akbar stazzjon tal-aħbarijiet televiżiv ("Telewizja Republika") jitħalla jattendi l-konferenzi stampa ta' emerġenza li saru b'rabta mal-għargħar reċenti fil-Polonja, peress li dan ma kienx biss ksur tad-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, iżda kellu wkoll impatt negattiv fuq is-sikurezza ta' ċerti partijiet tas-soċjetà; jikkundanna l-azzjonijiet meħuda mill-gvern ta' Tusk bil-ħsieb li jeżerċita pressjoni fuq ditti pubbliċi u privati biex jirtiraw minn kuntratti ta' reklamar konklużi ma' strumenti tal-media tal-oppożizzjoni;

Or. pl

Emenda 322
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Iqis li huwa inaċċettabbli li l-oppożizzjoni tiġi mċaħħda minn riżorsi finanzjarji, bi ksur tas-sentenzi tal-qorti, kif ġara dan l-aħħar fil-Polonja; jinnota li approċċ bħal dan jikser il-prinċipji tad-demokrazija u jfixkel bil-kbir il-proċess elettorali u li b'konsegwenza jimmina r-riżultati tal-elezzjoni;

Or. pl

Emenda 323
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE, bħal fil-każ tal-Polonja, saru d-difensuri ta' sistemi postkomunisti billi jiddefendu strutturi korrotti, ineffiċjenti u mhux trasparenti, u b'hekk jiksru d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u jdgħajfu d-demokrazija;

Or. pl

Emenda 324
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media ***u*** jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media***, b'mod partikolari tal-ġurnalisti investigattivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri*** jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika***, inkluż billi jimmonitorjaw u jinfurzaw mill-qrib l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-EMFA u tad-DSA***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati protezzjonijiet legali robusti għall-media tas-servizz pubbliku, li jiggarantixxu l-indipendenza editorjali u l-finanzjament stabbli tagħhom, protetti mill-influwenza u l-indħil politiċi, sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-interess pubbliku b'mod effettiv u imparzjali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib tali żviluppi madwar l-UE u tindirizza l-isfidi li għaddejjin bħalissa;*** jistieden ***ukoll*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex

itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE;

Or. en

Emenda 325
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw traspożizzjoni rapida tad-Direttiva Anti-SLAPP fid-dritt nazzjonali u jiggarantixxu l-implimentazzjoni effettiva tagħha minn Mejju 2026; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem fuq proposta biex testendi l-applikazzjoni tagħha lil hinn mill-każijiet SLAPP transfruntiera;***

Or. en

Emenda 326
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-

media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE;	media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni s'issa kienu preġudikati u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza ta' dan l-appoġġ, inkluż għal vuċijiet kredibbli li jikkritikaw il-politiki tal-UE;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet SLAPP kollha fl-UE;

Or. pl

Emenda 327
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex itemmu l-każijiet*** SLAPP ***kollha fl-UE***;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-atturi tal-media u jippromwovu media ħielsa, indipendenti u pluralistika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu miżuri effettivi, f'konformità mad-Direttiva anti-SLAPP, biex jipprevjenu u jindirizzaw il-każijiet*** SLAPP ***madwar l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 328
Marieke Ehlers, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jinsisti li l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrispettaw mingħajr

kundizzjonijiet id-dritt fundamentali ta' kull ċittadin "li jirċievi jew jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri", kif minqux fl-Artikolu 11 tal-Karta; jisħaq, għalhekk, li jekk tiġi imposta kwalunkwe restrizzjoni fuq dan id-dritt, inkluża leġiżlazzjoni biex jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda, dawn iridu jkunu miżura eċċezzjonali tal-aħħar istanza, ikunu preskritti bil-liġi, ikunu strettament meħtieġa u proporzjonati, u jkun fihom definizzjonijiet ċari, mhux ambigwi u legalment ċerti biex jiġi pprevenut l-użu ħażin tagħhom għat-trażżin ta' vuċijiet kritiċi jew kuntrarji;

Or. en

Emenda 329
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni tagħti prijorità lid-djalogu ma' organizzazzjonijiet li jappoġġjaw b'mod mhux kritiku l-politiki ta' Brussell, li ħafna drabi jkollhom profil liberali u tax-xellug, li tiffinanzjahom hi stess, u li jinsabu f'kunflitt miftuħ ma' gvernijiet konservattivi, u b'hekk tinħoloq kamra tal-eku li timbotta 'l quddiem l-istess narrattiva, li tmur kontra l-prinċipji tad-demokrazija; jistieden lill-Kummissjoni twettaq awditu indipendenti dwar l-allegazzjonijiet reċenti li l-Kummissjoni ffinanzjat organizzazzjonijiet li l-kompitu tagħhom kien li jagħmlu lobbying fuq il-Parlament Ewropew u fuq istituzzjonijiet oħra biex jappoġġjaw ċerti proġetti

ideoloġiċi li qed timbotta l-Kummissjoni, inkluż il-Patt Ekoloġiku u l-migrazzjoni, u tippubblika l-eżiti kollha ta' dan l-awditu;

Or. pl

Emenda 330
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jiddeplora l-prattika dejjem akbar ta' uffiċjali ta' livell għoli f'xi Stati Membri li jwaqqfu l-komunikazzjoni ma' mezzi ewlenin tal-media peress li tirrappreżenta impediment sinifikanti għad-dritt tal-pubbliku li jirċievi informazzjoni rilevanti tal-gvern; jenfasizza li tali azzjonijiet inaqqsu l-libertà u t-trasparenza tal-media u jikkontribwixxu għat-tixrid ta' diżinformazzjoni manipulattiva fl-ispazju pubbliku;

Or. en

Emenda 331
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament tal-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti f'diversi Stati Membri, inkluż dawk ikklassifikati fl-aktar pożizzjoni baxxa fl-Indiċi Dinji tal-

Libertà tal-Istampa tal-2025; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza l-intimidazzjoni, is-sorveljanza u s-SLAPPs kontra l-ġurnalisti permezz tal-infurzar sħiħ tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media;

Or. en

Emenda 332
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjoni mill-Kunsill tal-Ewropa dwar is-Sikurezza tal-Ġurnalisti biex isaħħu l-protezzjonijiet għall-ġurnalisti fl-eżilju, inklużi salvagwardji kontra l-użu ħażin tal-avviżi ħomor tal-Interpol u jħaffu l-proċessi sikuri ta' rifuġju uażil[1a];
	[1a] https://edoc.coe.int/en/media/12123-europe-press-freedom-report-2024-confronting-political-pressure-disinformation-and-the-erosion-of-media-independence.html

Or. en

Emenda 333
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jissottolinja li l-uffiċjali pubbliċi għandhom responsabbiltà speċjali fil-

komunikazzjoni tagħhom mal-pubbliku; jisħaq li t-tixrid tad-diżinformazzjoni jew l-attakki pubbliċi fuq il-ġurnalisti minn uffiċjali pubbliċi huwa problema dejjem akbar li trawwem ambjent permissiv għall-propaganda, il-polarizzazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u saħansitra r-reati ta' mibegħda; iħeġġeġ lill-personaġġi pubbliċi kollha jirrikonoxxu u jżommu r-responsabbiltà tagħhom fil-komunikazzjoni pubblika, filwaqt li jiżguraw li d-diskors tagħhom jibqa' rispettuż, fattwali u professjonali;

Or. en

Emenda 334
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Ifakkar li 16-il Stat Membru tal-UE reċentement impenjaw ruħhom li jsaħħu l-appoġġ għall-integrità tal-informazzjoni u tal-media indipendenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien mas-sħab globali tagħhom biex jappoġġjaw il-Fond Internazzjonali għall-Media ta' Interess Pubbliku u jiżguraw finanzjament sostenibbli għall-ġurnaliżmu investigattiv u l-media tas-servizz pubbliku;

Or. en

Emenda 335
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jikkundanna t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda, inkluż fil-media mainstream u fuq il-media soċjali, peress li dan joħloq theddida serja għad-demokrazija u l-istat tad-dritt; jappella għal infurzar aktar b'saħħtu tar-regolamenti dwar il-media biex jiġi miġġieled id-diskors ta' mibegħda u jiġi ssalvagwardjat xenarju tal-media varjat u inklużiv, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea; jissottolinja l-fatt li l-politiċi u l-personaġġi pubbliċi prominenti għandhom imexxu bl-eżempju u jeħtieġ li jiżguraw dibattitu rispettuż; jissottolinja li l-libertà tal-espressjoni trid tiġi eżerċitata skont il-liġi u f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Karta u ma għandhiex tiġi sfruttata bħala tarka għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda;

Or. en

Emenda 336
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jikkundanna bil-qawwa l-manipulazzjoni u d-distorsjoni intenzjonati tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni minn movimenti u politiċi tal-lemin estrem biex jilleġittimizzaw id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni, u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti u l-minoranzi; jisħaq li dan id-dritt ma jistax jintuża bħala skuża biex tiddgħajjef id-demokrazija u d-drittijiet

fundamentali;

Or. en

Emenda 337
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Intersezzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u t-teknoloġija

Or. en

Emenda 338
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi speċifika tal-għodod disponibbli u implimentati mill-Istati Membri biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani marbut mal-proċessi elettorali, filwaqt li tirrikonoxxi li tali theddid idgħajjef id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt li wieħed jirċievi u jagħti informazzjoni, il-parteċipazzjoni demokratika, u elezzjonijiet ħielsa u ġusti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rieżami perjodiku tas-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri f'dan ir-rigward, pereżempju billi tinkludi l-valutazzjoni ta' tali għodod disponibbli fl-Istati Membri fir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 339
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***8e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri kollha meħuda biex jipproteġu lill-UE kontra l-indħil barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni jeħtieġ li jinkludu salvagwardji b'saħħithom u determinati għad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni;**

Or. en

Emenda 340
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***8f. Jenfasizza x-xejra dejjem tikber ta' manipulazzjoni elettorali fl-UE kemm minn atturi domestiċi kif ukoll minn dawk barranin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-DSA, l-Att dwar l-IA u r-regolament dwar it-Trasparenza u l-Immirar tar-Reklamar Politiku, inkluż l-iżgurar ta' riżorsi umani u tekniċi adegwati biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-elezzjonijiet futuri fl-UE;**

Or. en

Emenda 341
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;	9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem; ***jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-investigazzjonijiet li għaddejjin dwar pjattaformi online kbar u tiżgura infurzar sħiħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali; iħeġġeġ lill-intermedjarji online jiżvelaw kif l-algoritmi tagħhom jikklassifikaw, jirrakkomandaw u jamplifikaw il-kontenut, u jtemmu prattiki li jisfruttaw deliberatament il-polarizzazzjoni għall-profitt; jappella għal investiment aktar b'saħħtu fil-litteriżmu diġitali u fil-media, speċjalment għaż-żgħażagħ, bħala l-aktar salvagwardja effettiva kontra l-manipulazzjoni;***

Or. en

Emenda 342
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jikkondividi*** l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx ***jikkontrollaw dak li jaraw*** in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija	9. ***Jinnota*** l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx ***esklużivament jiddeterminaw l-informazzjoni li jaċċessaw*** in-nies***,*** u li l-

għandhom ***jużaw*** mudelli ta' negozju li ***ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel*** id-drittijiet tal-bniedem;

kumpaniji tat-teknoloġija għandhom ***jiżviluppaw*** mudelli ta' negozju li ***jirrispettaw*** id-drittijiet tal-bniedem ***flimkien mal-innovazzjoni u l-involviment***; ***jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u salvagwardji xierqa fis-sistemi algoritmiċi, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol importanti tat-teknoloġiji diġitali fit-trawwim tal-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni demokratika;***

Or. en

Emenda 343
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;	9. ***Jitlob li t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi s-sistemi tal-IA, ikunu ggwidati mill-prinċipji tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont u li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti biex jiġi pprevenut li dawn jiggravaw ir-razziżmu u l-inugwaljanzi eżistenti;*** jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 344
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;	9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem; ***jisħaq b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li t-tfal jiġu protetti online billi s-servizzi li x'aktarx jiġu aċċessati mit-tfal jintalbu jimplimentaw sikurezza mid-disinn u disinn adattat għall-età, konfigurazzjonijiet b'livell għoli ta' privatezza prestabbilita, u assigurazzjoni tal-età proporzjonata u li tippreżerva l-privatezza;***

Or. en

Emenda 345
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li*** l-kumpaniji ***tat-teknoloġija*** għandhom ***jużaw mudelli ta' negozju*** li ma ***jagħtux prijorità lill-involviment qabel*** id-drittijiet tal-bniedem;	9. ***Jenfasizza li l-iżviluppi teknoloġiċi u l-mudelli kummerċjali li qed jevolvu fis-settur diġitali għandhom impatt dejjem jikber fuq l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jissottolinja li*** l-kumpaniji ***tat-teknoloġija*** għandhom ***joperaw bi trasparenza u obbligu ta' rendikont, filwaqt li jiżguraw li l-algoritmi u s-sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut tagħhom jitfasslu u jintużaw b'modi li ma jdgħajfux*** id-drittijiet tal-bniedem ***u l-valuri demokratiċi***;

Or. en

Emenda 346
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;	9. Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw ***algoritmi u*** mudelli ta' negozju ***trasparenti*** li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;

Or. pl

Emenda 347
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jikkondividi l-opinjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li l-algoritmi ma għandhomx jikkontrollaw dak li jaraw in-nies u li l-kumpaniji tat-teknoloġija għandhom jużaw mudelli ta' negozju li ma jagħtux prijorità lill-involviment qabel id-drittijiet tal-bniedem;***	9. ***Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza tal-algoritmi; jirrimarka li għandu jsir kull sforz biex tiġi salvagwardjata n-newtralità politika tal-internet biex jippermetti diskors divers li huwa essenzjali għad-demokrazija;***

Or. fi

Emenda 348
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-mudell ta' negozju bbażat fuq l-attenzjoni tal-pjattaformi tal-media soċjali jwassal għall-amplifikazzjoni ta' kontenut emozzjonalment b'saħħtu u diviżiv b'riperkussjonijiet serji għad-drittijiet fundamentali, bħad-drittijiet tat-tfal, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; jissottolinja li spiss jintuża bħala mezz għall-indħil barrani u l-attakki ibridi minħabba l-effetti kaskata tiegħu fil-kwalità tal-koeżjoni soċjali u l-proċessi demokratiċi; jissottolinja l-ħtieġa li dawn l-isfidi jiġu indirizzati bħala parti mill-ekosistema usa' ta' reżiljenza tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) mill-pjattaformi online, b'mod partikolari l-valutazzjoni tar-riskju u l-obbligi ta' mitigazzjoni għall-VLOPs u l-VLOSEs, u tiżgura segwitu effettiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm livell għoli ta' ambizzjoni fl-infurzar tad-DSA u żżomm soda fil-konfront ta' tentattivi biex tiddgħajjef din il-leġiżlazzjoni;

Or. en

Emenda 349
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri, li għandha titqies ukoll li tinkludi interferenza minn sorsi fi Stati Membri oħra u f'istituzzjonijiet tal-UE, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-

dižinformazzjoni; iħeġġeġ li jiġu rrispettati s-sovranità tal-Istati Membri u n-nuqqas ta' interferenza fil-proċessi demokratiċi, li sfortunatament ma kinitx in-norma fi snin preċedenti u li trid tiġi eżaminata bir-reqqa, mhux biss f'termini ta' interferenza minn pajjiżi u atturi mhux tal-UE, iżda wkoll minn Stati Membri u istituzzjonijiet oħra; jinnota l-inizjattivi inaċċettabbli li jintużaw pjattaformi tal-media soċjali biex tiġi mmanipulata l-opinjoni pubblika fi Stati Membri differenti;

Or. pl

Emenda 350
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jenfasizza l-effetti negattivi li l-pjattaformi online jista' jkollhom fuq is-saħħa mentali tat-tfal u d-drittijiet fundamentali tagħhom, inkluż id-dritt għal moħħ b'saħħtu; jilqa' t-tħabbira tal-ewwel inkjesta fl-UE kollha dwar l-effetti tal-media soċjali fuq il-benesseri taż-żgħażagħ u jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess sabiex tipprovdi evidenza għal politiki mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal online;

Or. en

Emenda 351
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni u infurzar sħaħ, konsistenti u f'waqthom tad-dispożizzjonijiet tad-DSA dwar il-protezzjoni tal-minorenni biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għat-tfal u biex l-utenti żgħażagħ jiġu protetti aħjar minn kontenut dannuż u illegali u minn reklami bbażati fuq it-tfassil ta' profili; jissottolinja li l-Att dwar l-Ekwità Diġitali li jmiss irid jindirizza b'mod effettiv il-lakuni legali ppruvati fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal online u s-salvagwardja tad-drittijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 352
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Jenfasizza l-isfidi ppreżentati miċ-chatbots ġenerattivi tal-IA, inkluż ir-riskju ta' ggravar tad-dipendenza psikoloġika fost l-utenti, b'mod partikolari t-tfal, u l-potenzjal li dawn is-sistemi jikkawżaw ħsara emozzjonali jew konjittiva permezz tal-interazzjonijiet tagħhom; jenfasizza li tali riskju jaffettwa direttament il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tat-tfal, id-dinjità tal-bniedem, l-integrità mentali, u d-dritt li wieħed jirċievi informazzjoni b'mod xieraq għall-età u l-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib jekk l-oqfsa legali eżistenti jistgħux jindirizzaw b'mod effettiv dan it-tħassib, b'enfasi speċifika fuq l-iżgurar ta' perspettiva b'saħħitha tad-drittijiet tat-tfal u tad-

drittijiet fundamentali fil-valutazzjoni;

Or. en

Emenda 353
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9e. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu l-litteriżmu fil-media u dak diġitali, l-edukazzjoni ċivika, l-istorja Ewropea komuni, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ħsieb kritiku u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni pubblika fil-kurrikuli tal-iskejjel u tal-universitajiet, filwaqt li jirrikonoxxuhom bħala elementi kritiċi għal parteċipazzjoni sinifikattiva fil-ħajja demokratika u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni u d-dritt li wieħed jirċievi informazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li ssir ħidma parallela fuq is-sensibilizzazzjoni fost l-adulti dwar kif għandha tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u jiġi promoss il-litteriżmu diġitali; jappella għal strateġija miftiehma tal-UE dwar il-litteriżmu fil-media u dak diġitali bi proġetti li joħolqu riżultati tanġibbli bi skala sinifikanti li jilħqu l-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 354
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9f. Jiddeplora l-prattika dejjem tikber ta' sorveljanza mill-gvern ta' mezzi tal-media indipendenti u ta' ġurnalisti mis-servizzi tal-intelligence; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi minn ċerti gvernijiet biex juru l-media indipendenti u l-ġurnalisti bħala xprunaturi tar-radikalizzazzjoni jew biex jirrestringu l-ħidma tagħhom billi jittikkettawhom bħala theddid għas-soċjetà jew għas-sigurtà nazzjonali;

Or. en

Emenda 355
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Itenni t-talba tiegħu lill-Istati*** Membri, u b'mod partikolari ***lill-Greċja***, ***lil*** Ċipru, ***lill-Italja***, ***lill-Ungerija***, ***lill-Polonja*** u ***lil*** Spanja, ***biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat*** ta' Inkjesta ***u tal-Kummissjoni ta' Venezja*** bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA);	10. ***Jinnota li l-Istati*** Membri, u b'mod partikolari ***l-Greċja***, ***Ċipru***, ***l-Italja***, ***l-Ungerija***, ***il-Polonja*** u Spanja, ***kienu s-suġġett ta' investigazzjonijiet mill-Kumitat*** ta' Inkjesta ***dwar*** l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA) ***u l-Kummissjoni ta' Venezja, li r-rakkomandazzjonijiet tagħha madankollu mhumiex vinkolanti fuq l-Istati Membri***; ***jirrikonoxxi li l-problema tal-użu sistematiku ta' software ta' kriptaġġ mill-kriminalità organizzata, organizzazzjonijiet terroristiċi u servizzi ostili, u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata, tqajmet fl-Istrateġija dwar is-Sigurtà Interna ProtectEU;***

Or. pl

Emenda 356

Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA);	10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA); ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza sħaħ fil-każijiet kollha ta' sorveljanza illegali; jappella għall-istabbiliment ta' reġistru għall-Unjoni kollha ta' bejjiegħa ta' software ta' spjunaġġ u għal sorveljanza ġudizzjarja effettiva biex jiġi żgurat li s-sorveljanza qatt ma tintuża kontra l-ġurnalisti, l-attivisti jew l-avversarji politiċi;***

Or. en

Emenda 357
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza	10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA); ***iħeġġeġ lill-***

ekwivalenti (PEGA);	***Kummissjoni tirrispondi għat-theddid dejjem tikber ikkawżat mit-teknoloġiji tas-software ta' spjunaġġ;***

Or. en

Emenda 358
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri***, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja,*** biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet ***kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw*** l-użu ***tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA)***;	10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet ***dwar*** l-użu ***tat-teknoloġiji ta' sorveljanza adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, li jipprovdu gwida importanti dwar l-iżgurar tal-konformità mad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u s-sorveljanza demokratika***;

Or. en

Emenda 359
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri***, u b'mod partikolari lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Italja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lil Spanja***, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA);	10. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri, biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta u tal-Kummissjoni ta' Venezja bil-għan li jinvestigaw l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA);

Or. en

Emenda 360
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella biex l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tiġi finalizzata;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 361
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella biex l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tiġi finalizzata;	***imħassar***

Or. en

Emenda 362
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella biex l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tiġi	11. Jappella biex l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tiġi

finalizzata;	finalizzata***, u jfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-Opinjoni 2/13 tagħha, identifikat għadd ta' ostakli legali għall-adeżjoni, u jissottolinja l-importanza li dawn jiġu indirizzati sabiex tiġi ffaċilitata l-adeżjoni f'waqtha u b'suċċess tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 363
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jappella biex*** l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) ***tiġi finalizzata***;	11. ***Jisħaq li*** l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) ***trid titwettaq f'konformità mat-Trattati eżistenti***;

Or. pl

Emenda 364
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jinnota bi tħassib kbir is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni fl-Ewropa; jirrimarka li wieħed mill-prerekwiżiti essenzjali għad-demokrazija huwa dibattitu ħieles, fejn opinjonijiet differenti ma jiġux eskluż i sempliċement għax jistgħu jixxokkjaw jew joffendu; jenfasizza li, minħabba l-impreċiżjoni tagħhom, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-liġijiet dwar id-diskors ta' mibegħda ma jissodisfawx il-kriterji

	għal miżuri legali li jirrestringu d-drittijiet tal-bniedem;

Or. fi

Emenda 365
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri	***imħassar***

Or. en

Emenda 366
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Ksur tad-drittijiet fundamentali ***fil-fruntieri***	***Il-protezzjoni*** tad-drittijiet fundamentali ***fil-ġestjoni tal-fruntieri***

Or. en

Emenda 367
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri	***Il-ħarsien tal-fruntieri esterni tal-UE***

Or. pl

Emenda 368
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 369
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-vjolenza dejjem tikber kontra l-uffiċjali tal-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera u servizzi oħra, inkluż waqt li jkunu qed iwettqu dmirijiethom u waqt li jkunu qed iservu f'operazzjonijiet biex jitwaqqfu attakki ibridi kontra l-UE li jistrumentalizzaw il-migrazzjoni, li wasslu għall-mewt ta' suldat Pollakk fil-fruntiera mal-Belarussja; jiddeplora l-fatt li tali vjolenza wasslet għall-mewt ta' suldat; jappella għal appoġġ għall-uffiċjali fit-twettiq ta' dmirijiethom lejn l-istat u s-soċjetà;***

Or. pl

Emenda 370
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet*** fundamentali ***fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. ***Ifakkar li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid fl-ambitu tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jistabbilixxi regoli riveduti għall-proċeduri tal-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-solidarjetà; jissottolinja li l-implimentazzjoni effettiva u legali tiegħu tirrikjedi rispett sħiħ għad-drittijiet*** fundamentali ***u trid tiżgura l-konformità mal-obbligi tal-UE u dawk internazzjonali; jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet fundamentali jrid ikompli jiġi mmonitorjat mill-qrib***;

Or. en

Emenda 371
Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa, Roberto Vannacci, Petra Steger, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Jaroslav Bžoch, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali ***fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali ***taċ-ċittadini tal-UE minħabba nuqqas ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni; jisħaq li l-immigrazzjoni tal-massa qed tipperikola l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja stabbilit fit-Trattati; jitlob id-deportazzjoni immedjata tal-immigranti kollha preżenti illegalment fl-UE kif ukoll ta' dawk b'kundanni penali***;

Or. en

Emenda 372
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi*** Stati Membri;	12. ***Jinnota li diversi*** Stati Membri ***għadhom qed jiffaċċjaw pressjoni operazzjonali sinifikanti fil-fruntieri esterni tagħhom***; ***jissottolinja li dawn l-isfidi jirrikjedu rispons Ewropew koordinat, inklużi proċeduri simplifikati u effettivi, f'konformità sħiħa mal-qafas tal-UE u internazzjonali applikabbli;***

Or. en

Emenda 373
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri;	12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs ***u t-trattament ħażin*** li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri; ***dawk il-prattiki spiss ma jiġux irrapportati u ma jiġux investigati;***

Or. en

Emenda 374
Karlo Ressler, Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-ksur mifrux*** tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri***, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. Jikkundanna bil-qawwa ***kwalunkwe ksur*** tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri***; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti kollha jiżguraw konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, flimkien ma' appoġġ immirat tal-UE biex jittejbu l-proċeduri, it-taħriġ u s-sorveljanza***;

Or. en

Emenda 375
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna*** bil-qawwa ***l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. ***Jappella*** bil-qawwa ***għall-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE kontra l-migrazzjoni illegali***;

Or. sk

Emenda 376
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri***, ***inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipproteġu l-fruntieri tagħhom b'mod effettiv***, ***inkluż permezz tal-push-backs***; ***huwa tal-fehma li politika tal-fruntieri aktar stretta hija essenzjali sabiex jiġu protetti s-sigurtà u d-drittijiet fundamentali tal-Ewropej***;

Or. fi

Emenda 377
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs ***li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs ***u l-użu tal-vjolenza mill-awtoritajiet nazzjonali bħall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-gwardji tal-fruntieri***;

Or. en

Emenda 378
Ewa Zającz kowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri***, ***inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-vjolazzjonijiet u t-tentattivi ta' vjolazzjoni tal-fruntieri tal-Istati Membri***, ***kif ukoll it-tqegħid ta' pressjoni fuq l-Istati Membri biex iċedu għall-pressjonijiet migratorji***;

Or. en

Emenda 379
Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bil-qawwa l-ksur***	12. ***Jinnota li diversi*** Stati Membri

mifrux tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri;

għadhom iħossu l-ħtieġa li jimplimentaw diversi miżuri biex jipprevjenu l-qsim illegali tal-fruntieri esterni;

Or. en

Emenda 380
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-ksur mifrux tad-drittijiet fundamentali*** fil-fruntieri, ***inklużi l-push-backs*** li qed ***isiru*** prattika sistematika f'diversi Stati Membri;	12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-vjolazzjonijiet mifruxa*** fil-fruntieri, ***inkluż il-qsim illegali*** li qed ***isir*** prattika sistematika f'diversi Stati Membri;

Or. en

Emenda 381
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bil-qawwa ***l-ksur mifrux tad-drittijiet*** fundamentali ***fil-fruntieri, inklużi l-push-backs li qed isiru prattika sistematika f'diversi Stati Membri***;	12. Jikkundanna bil-qawwa ***n-networks ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u dawk kollha li jipprovdu għajnuna fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u rifuġjati, prattika li tikser id-drittijiet*** fundamentali ***tal-individwi***;

Or. fr

Emenda 382
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ***u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; ***jissottolinja li l-impenji internazzjonali ma jistgħux jieħdu preċedenza fuq id-dmir tal-Istati Membri li jipproteġu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom stess; jirrimarka li politika laxka dwar l-immigrazzjoni rriżultat f'għadd kbir ta' migranti li ma jirrispettawx l-ugwaljanza li tħallew jidħlu fl-Unjoni;***

Or. fi

Emenda 383
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ***joqogħdu lura milli*** jadottaw politiki ta' migrazzjoni ***li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u jadottaw politiki ta' migrazzjoni ***effikaċi biex titnaqqas l-immigrazzjoni illegali, jiġu miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, kif ukoll tiġi żgurata l-implimentazzjoni tajba tad-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji, b'mod partikolari fil-qasam tar-ritorn***;

Or. fr

Emenda 384
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni ***li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni***, li l-implimentazzjoni tagħhom ma tridx tipperikola liċ-ċittadini tal-Istati Membri jew tikkostitwixxi theddida għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 385
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw ***l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw ***il-kriminalità, iwasslu għal tensjonijiet u kunflitti soċjali, u jheddu s-sigurtà interna, il-koeżjoni soċjali u l-ordni pubbliku***;

Or. pl

Emenda 386
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati	13. Jappella biex l-UE u l-Istati

Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni;	Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem***, jippromwovu investigazzjonijiet fil-pront*** u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni; ***jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn l-obbligi;***

Or. en

Emenda 387
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jappella biex*** l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ***joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. ***Ifakkar li*** l-UE u l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ***għandhom ikomplu jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali fl-oqfsa legali eżistenti kif ukoll fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni futura, inkluż fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni***;

Or. en

Emenda 388
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ***u joqogħdu lura milli jadottaw politiki*** ta' migrazzjoni ***li jiggravaw l-***	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ***fil-politiki*** ta' migrazzjoni ***tagħhom u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati***

inugwaljanza u l-esklużjoni;	***Membri jqisu s-sitwazzjoni tal-gruppi vulnerabbli meta jfasslu u japplikaw tali miżuri***;

Or. en

Emenda 389
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li ***jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li ***jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri u jdgħajfu s-sikurezza taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE***;

Or. en

Emenda 390
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ***u joqogħdu lura milli jadottaw politiki ta' migrazzjoni li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 391

Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri ***jikkonformaw mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jadottaw*** politiki ta' migrazzjoni li ***jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni***;	13. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri ***jadottaw*** politiki ta' migrazzjoni li ***jipproteġu b'mod konsistenti lill-UE u liċ-ċittadini tagħha***;

Or. sk

Emenda 392
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk ir-restrizzjonijiet fuq id-dħul fiż-żona Schengen, inkluż il-kontrolli permanenti de facto fil-fruntieri tal-Ġermanja, humiex ekwivalenti għal tfassil ta' profili abbażi tan-nazzjonalità;

Or. pl

Emenda 393
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li	***imħassar***

jsiru minn entitajiet mhux governattivi; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss;

Or. fr

Emenda 394
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss;	***imħassar***

Or. en

Emenda 395
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi; ifakkar ***fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u*** jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw	14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi***, dment li jkunu legali u ma jappoġġjawx it-traffikar tal-bnedmin jew ma jaqdux l-għanijiet politiċi ta' attakki ibridi li***

finanzjament xieraq għal ***dan il-għan*** fil-QFP li jmiss;

jisfruttaw l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni; ifakkar ***li l-Istati Membri u l-UE għandhom istituzzjonijiet u servizzi speċjalizzati biex jieħdu azzjoni f'dan il-qasam, li jridu jiġu appoġġjati b'urġenza, inkluż billi jiżdied il-finanzjament għall-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;*** jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal ***dawn l-għanijiet*** fil-QFP li jmiss;

Or. pl

Emenda 396
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil*** sistematiku ***tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss***;	14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***ttemm it-tfixkil*** sistematiku ***ta' tentattivi biex l-Ewropa terġa' ssir sikura***;

Or. en

Emenda 397
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu ***t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR)*** li	14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu ***l-attivitajiet illegali ta' organizzazzjonijiet*** mhux governattivi

jsiru minn entitajiet mhux governattivi; ***ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss;***	***involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti illegali fl-UE***;

Or. sk

Emenda 398
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi***; ***ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss***;	14. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiżguraw li t-tiftix u s-salvataġġ mhux governattivi (SAR) ikunu jistgħu joperaw f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali***;

Or. en

Emenda 399
Lukas Mandl, Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi*** ta' tiftix u salvataġġ (SAR) ***li jsiru minn entitajiet mhux governattivi***; ***ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-***	14. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiżguraw li l-attivitajiet*** ta' tiftix u salvataġġ (SAR) ***fuq il-baħar jitwettqu b'mod koordinat u legali taħt l-awtorità tal-korpi nazzjonali u Ewropej kompetenti; jisħaq li l-atturi kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, jeħtiġilom joperaw***

QFP li jmiss;	***f'konformità sħiħa mal-liġijiet u l-istruzzjonijiet applikabbli mill-awtoritajiet nazzjonali***;

Or. en

Emenda 400
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jtemmu t-tfixkil sistematiku tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ (SAR) li jsiru minn entitajiet mhux governattivi***; ***ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit fond tal-UE għat-tiftix u s-salvataġġ u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jallokaw finanzjament xieraq għal dan il-għan fil-QFP li jmiss***;	14. ***Ifakkar*** lill-Kummissjoni ***li l-kontroll ineffettiv tal-fruntieri esterni tal-Unjoni joħloq theddida sinifikanti għad-drittijiet tal-bniedem madwar l-Ewropa kollha***; ***jenfasizza li t-trażżin tal-migrazzjoni fuq skala kbira jista' jsalva l-ħajjiet billi jnaqqas l-inċentivi għall-migranti biex jibdew il-vjaġġ fuq rotot perikoluża lejn l-Ewropa;***

Or. fi

Emenda 401
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar li l-Artikolu 46 tar-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jista' jiġi attivat f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Aġenzija tagħmel użu sħiħ u b'mod proattiv mill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari, il-possibbiltà li tattiva l-Artikolu 46, f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali; itenni t-talba tiegħu lill-Frontex biex ittemm minnufih il-prattika

tagħha li titlob li l-applikanti jkopru l-kostijiet tal-avukati esterni f'kawżi tal-qorti relatati ma' talbiet għal aċċess għal informazzjoni;

Or. en

Emenda 402
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 403
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 404
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 405
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;	15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa***, bit-titolu "Protecting the Defenders Ending repression of human rights defenders assisting refugees, asylum seekers and migrants in Europe"*** [1a]***(Nipproteġu d-Difensuri: Intemmu r-repressjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jassistu lir-rifuġjati, lill-applikanti għall-ażil u lill-migranti fl-Ewropa), b'mod partikolari, biex jirrikonoxxu l-obbligi tal-Istati Membri fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jassistu lir-rifuġjati, lill-applikanti għall-ażil u lill-migranti u biex jirrikonoxxu l-ħidma importanti li jwettqu***; jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti***, li qed issir il-forza mexxejja għal aktar restrizzjonijiet u kriminalizzazzjoni***;

[1a] https://rm.coe.int/recommendation-protecting-the-defenders-ending-repression-of-human-rig/1680ae9b1c

Or. en

Emenda 406
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju*** għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; ***jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti***;	15. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jqisu kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju*** għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; ***jisħaq fuq l-importanza li jinżamm diskors pubbliku bbażat fuq ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' dibattitu pubbliku bbażat fuq il-fatti u responsabbli dwar il-migrazzjoni u l-ażil***;

Or. en

Emenda 407
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa***; ***jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti***;	15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jiffukaw l-ewwel nett fuq id-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom***;

Or. en

Emenda 408
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; ***jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;***	15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa;

Or. pl

Emenda 409
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; ***jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;***	15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa;

Or. sk

Emenda 410
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa; ***jikkundanna bil-qawwa r-retorika rikorrenti kontra r-rifuġjati u kontra l-migranti;***	15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa***, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sigurtà tal-fruntieri tagħhom stess u taċ-ċittadini tagħhom stess***;

Or. en

Emenda 411
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-shiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 412
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-shiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati	***imħassar***

mad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda 413
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 414
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri ***jimplimentaw bis-sħiħ*** il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; ***jesprimi tħassib dwar*** in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw ***l-iskadenza għall-implimentazzjoni***, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ***mad-drittijiet fundamentali***;	16. Jistieden lill-Istati Membri ***jiddenunzjaw*** il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; ***iqis li*** n-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri ***u mill-Kummissjoni nnifisha*** biex jirrispettaw ***l-iskadenzi tal-implimentazzjoni, inkluża l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tal-Kummissjoni,*** b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ***l-aktar kontroversjali fir-rigward tar-rilokazzjoni u l-mekkaniżmu ta' solidarjetà furzata, huwa prova ċara ta' kemm dan id-dokument huwa ta' ħsara,***

diviżiv, mhux adattat u mhux realistiku;

Or. pl

Emenda 415
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; ***jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;***	16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil;

Or. fr

Emenda 416
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil;*** jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;	16. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni ***tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil***, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali; ***jinsisti li d-dritt internazzjonali jikkonferma li t-tfittxija għall-aż il ma tikkostitwixxix att illegali u, għalhekk, persuna ma tistax tinżamm f'detenzjoni sempliċement għax tkun qed tfittex aż il;***

Or. en

Emenda 417
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; ***jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali***;	16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw il-funzjonament tal-patt fil-kuntest tal-kontroll tal-migrazzjoni u, jekk meħtieġ, jemendawh sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-iżvantaġġi serji kkawżati mill-migrazzjoni bla kontroll***;

Or. fi

Emenda 418
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ***il-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Asil***; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn*** xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, ***b'mod partikolari*** fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;	16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ***u b'mod f'waqtu l-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; ***jinnota li*** xi Stati Membri ***jistgħu jiffaċċjaw sfidi*** biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, ***inkluż*** fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali***, u jħeġġeġ appoġġ u kooperazzjoni kontinwi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa***;

Or. en

Emenda 419
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri ***jimplimentaw*** bis-sħiħ ***il-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jesprimi tħassib dwar ***in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali***;	16. Jistieden lill-Istati Membri ***jirtiraw*** bis-sħiħ ***mill-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; jesprimi tħassib ***serju*** dwar ***l-adegwatezza tal-Patt biex isolvi l-kwistjoni tal-migrazzjoni tal-massa lejn l-UE***;

Or. en

Emenda 420
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; ***jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' tħejjija minn xi Stati Membri biex jirrispettaw*** l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;	16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; ***jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rispettata*** l-iskadenza għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda 421
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu t-territorji u ċ-ċittadini tagħhom stess kontra l-migrazzjoni tal-massa u mhux ikkontrollata minn pajjiżi kulturalment aljeni u kontra l-konsegwenzi tagħha;

Or. en

Emenda 422
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+	***Il-protezzjoni tat-tfal u l-familja bħala l-bażi għal soċjetà b'saħħitha***

Or. en

Emenda 423
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, ***id-drittijiet*** tan-nisa ***u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+***	Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ***u d-drittijiet*** tan-nisa

Or. sk

Emenda 424
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet;	17. ***Jikkundanna bil-qawwa r-rigress malajr dwar id-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ+ f'diversi Stati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li fil-QFP li jmiss, ma jkun disponibbli l-ebda finanzjament tal-UE għall-gruppi kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet li għandhom l-għan li jreġġgħu lura l-avvanzi fid-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ +, u lanqas għal kwalunkwe grupp li jaħdem biex idgħajjef id-drittijiet fundamentali kif deskritt fil-Karta;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet; ***iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqas persistenti ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE relatati mad-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ+ bil-mekkaniżmi kollha għad-dispożizzjoni tagħha;***

Or. en

Emenda 425
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq riċerka fil-fond dwar il-movimenti kontra l-ġeneru biex tikseb għarfien aktar profond dwar l-operazzjonijiet, il-koordinazzjoni u l-istrateġiji ta' finanzjament attwali***

tagħhom; jisħaq li l-fehim ta' din id-dinamika huwa kruċjali għas-salvagwardja ta' Ewropa moderna, inklużiva u tolleranti li tirrispetta l-valuri tagħha;

Or. en

Emenda 426
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu*** l-miżuri ***kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jimmonitorjaw u janalizzaw aktar mill-qrib l-impatt tal-movimenti li għandhom l-għan li jdgħajfu d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa, u, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jiżguraw li jittieħdu*** l-miżuri ***xierqa biex jiġu indirizzati dawn l-iżviluppi***;

Or. en

Emenda 427
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti ***kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu ***d-diskors ta' mibegħda, kemm offline kif ukoll online, speċjalment dak li jinċita r-reati ta' mibegħda u li jista' jeskala fi vjolenza, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru***;

Or. en

Emenda 428
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jipproteġu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali, inkluż billi jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-kampanji organizzati li jfittxu li jillimitaw dawn id-drittijiet***;

Or. en

Emenda 429
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti ***kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti ***kontra l-ġeneru/kontra l-LGBTIQ+ u kontra d-drittijiet tal-bniedem***; ***u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rappreżentanza tal-ġeneri;***

Or. en

Emenda 430
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. ***Jirrimarka li l-protezzjoni tal-valuri Ewropej hija mod effettiv biex tiġi promossa l-ugwaljanza***;

Or. fi

Emenda 431
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiggwidaw ruħhom mil-liġi naturali fi kwistjonijiet ta' ġeneru***;

Or. pl

Emenda 432
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu ***movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu ***l-forom kollha ta' diskriminazzjoni***;

Or. fr

Emenda 433
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu ***movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu ***l-vjolenza kontra n-nisa***;

Or. sk

Emenda 434
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti ***kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti ***tal-ġeneru u l-propaganda***;

Or. en

Emenda 435
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu movimenti ***kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet***;	17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu ***l-forom kollha ta' diskriminazzjoni***;

Or. en

Emenda 436

Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu miġġielda t-tipi kollha ta' diskriminazzjoni f'għajnejn il-liġi; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni f'xi Stati Membri; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, minkejja l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE bħad-Direttiva 2000/78/KE dwar l-ugwaljanza fit-trattament, għad hemm lakuni fil-qafas legali u fl-implimentazzjoni li jħallu lill-vittmi mingħajr rikors legali xieraq; ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jħaddnu t-trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fir-rimedju legali; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji;

Or. en

Emenda 437
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ebda fond tal-UE ma jintuża għal proġetti li ma jirrispettawx il-valuri tal-UE, inkluż dak tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni fl-Istati Membri ta' fondi b'ġestjoni kondiviża li għandhom l-

għan li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tan-nisa, sabiex jiġi żgurat li s-sejħiet għal proposti biex jinkisbu tali fondi ma jiġux imwaqqfa jew miżmuma deliberatament;

Or. en

Emenda 438
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jistieden lill-Kunsill jestendi l-lista attwali ta' "reati kriminali tal-UE" fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex tinkludi r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva dwar ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda; jitlob lill-Kummissjoni tiffoka fuq ir-reati ta' mibegħda fir-rapporti tagħha dwar l-istat tad-dritt u, f'dan ir-rigward, timmonitorja mill-qrib u tirreġistra r-reati ta' mibegħda;

Or. en

Emenda 439
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, il-Karta, u l-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-

QEDB, ifakkar li l-ostakli legali għar-rikonoxximent tas-sħubijiet bejn żewġ persuni tal-istess sess jew ġenituri tal-istess sess bejn il-fruntieri jippersistu f'diversi Stati Membri; iwissi li tali prattiki mhux biss ifixklu l-moviment liberu tal-familji LGBTIQ fl-UE, iżda anke jiksru l-prinċipju tal-istat tad-dritt ta' nondiskriminazzjoni f'għajnejn il-liġi, u jenfasizzaw in-nuqqas ta' protezzjoni uniformi għall-individwi LGBTIQ fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan jintroduċu r-rikonoxximent legali tas-sħubijiet bejn żewġ persuni tal-istess sess; jistieden lill-Kummissjoni tfassal mill-ġdid id-Direttiva 2004/38/KE sabiex tinkludi rikonoxximent transfruntier espliċitu tad-drittijiet tal-ħajja privata u tal-familja; jisħaq li t-tfal kollha huma ugwali f'għajnejn il-liġi u li l-Istati Membri jeħtiġilhom jaġixxu fl-aħjar interessi tat-tfal; ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament li tappoġġja r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur madwar l-UE kollha, irrispettivament minn kif jiġi konċeput jew jitwieled wild, jew it-tip ta' familja li jkollu; jistieden lill-Kummissjoni tressaq miżuri leġiżlattivi xierqa biex tiżgura r-rispett ta' dawn il-prinċipji, kif ukoll biex tibbaża fuq proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposti leġiżlattivi biex tiġġieled ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda abbażi tal-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi sesswali u l-orjentazzjoni sesswali;

Or. en

Emenda 440
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" li qed jikkontribwixxu għal żieda allarmanti fir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmirati lejn individwi LGBTIQ f'diversi Stati Membri u li għandhom impatt negattiv fuq it-tfal, il-familji u l-ħaddiema; jenfasizza l-impatt negattiv ta' tali miżuri fuq il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda għall-gruppi LGBTIQ u lil hinn minnhom; jenfasizza li dawn l-azzjonijiet iħeġġu d-diskriminazzjoni kontra l-individwi LGBTIQ u jiksru d-dritt tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal projbizzjoni vinkolanti tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni reliġjuża sforzata fl-Istati Membri kollha; jinnota li fl-2024, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) innotaw żieda allarmanti fir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmirati lejn individwi LGBTIQ u minoranzi oħra f'diversi Stati Membri, jisħaq fuq l-importanza tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-persuni LGBTIQ u jfakkar lill-Istati Membri li, f'konformità mal-ġurisprudenza, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni huwa dritt fundamentali; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri kollha li għadhom ma għamlux dan biex jiżguraw li l-individwi LGBTIQ ikollhom aċċess għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru;

Or. en

Emenda 441
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17e. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' antisemitiżmu fl-UE kollha u jikkundannah bil-qawwa; jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli tal-Iżlamofobija kif ukoll id-diskriminazzjoni u l-ostilità kontra l-komunitajiet reliġjużi, u l-forom l-oħra kollha ta' diskriminazzjoni u razziżmu madwar l-UE, inklużi atti ta' vjolenza, intimidazzjoni, diskors ta' mibegħda u l-wiri ta' simboli ta' mibegħda fi spazji pubbliċi, u jikkundannahom bil-qawwa; jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jiżguraw li l-membri tal-minoranzi kollha jkunu ugwali f'għajnejn il-liġi; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw il-liġijiet u l-politiki biex jiżguraw li ma jiddiskriminawx kontra l-minoranzi, direttament jew indirettament, u jagħmlu rieżami ta' kwalunkwe dispożizzjoni u regolament legali diskriminatorji; jappella għal sforzi sostnuti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali biex jiġu mmonitorjati, ipprevenuti u mressqa quddiem il-qrati r-reati ta' mibegħda relatati u biex jipproteġu lill-komunitajiet Lhud u Musulmani mill-fastidju u l-vjolenza;

Or. en

Emenda 442
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17f. Jissottolinja li n-nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE, irrispettivament min-nazzjonalità jew il-post tat-twelid tagħhom, jeħtiġilhom jiġu

ttrattati b'mod nondiskriminatorju u jgawdu minn trattament ġust u ugwali fl-oqsma speċifikati mil-leġiżlazzjoni eżistenti; jirrimarka li n-nazzjonali ta' pajjiżi terzi, irrispettivament min-nazzjonalità, il-post tat-twelid jew l-istatus ta' residenza tagħhom, għandhom id-dritt li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali f'konformità mad-dritt internazzjonali u tal-UE, li l-prinċipju ta' non-refoulement huwa parti integrali minnu; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fir-rispett tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata mill-koleġiżlaturi; jisħaq fuq in-natura vinkolanti tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB;

Or. en

Emenda 443
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17g Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-moviment liberu tal-persuni fl-UE, id-dritt ta' residenza libera u r-riunifikazzjoni tal-familja jiġu rispettati bis-sħiħ fit-territorju tal-UE u li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jgawdu drittijiet ugwali u jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 444
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17h. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, jiggarantixxu l-indipendenza tagħhom u jiżguraw li għandhom il-kapaċità jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 445
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; ***jiddispjaċih***, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom;	18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; ***jesprimi dispjaċir***, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom; ***jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ambizzjoni biex tiġi protetta u promossa l-Unjoni tal-Ugwaljanza u jiddeplora l-fatt li ma hemm l-ebda Kummissarju ddedikat esklużivament għall-Ugwaljanza fil-leġiżlatura attwali;***

Or. en

Emenda 446
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa ***u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu***; ***jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom;***	18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa;

Or. sk

Emenda 447
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom***;	18. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw it-theddid li toħloq il-migrazzjoni bla kontroll, speċjalment għall-istatus tan-nisa u tal-minoranzi fl-UE***;

Or. fi

Emenda 448
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilqa' l-Pjan*** Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; ***jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom;***	18. ***Jieħu nota tal-Pjan*** Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu;

Or. pl

Emenda 449
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; ***jiddispjaċih***, madankollu, ***għan-nuqqas*** ta' impenji finanzjarji b'saħħithom;	18. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; ***jenfasizza***, madankollu, ***l-ħtieġa*** ta'impenji finanzjarji ***aktar*** b'saħħithom;

Or. en

Emenda 450
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jilqa' l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-Nisa u d-Dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri annessa miegħu; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' impenji finanzjarji b'saħħithom***;	18. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeliminaw soluzzjonijiet legali li joħolqu diskriminazzjoni sistemika bejn il-ġeneri, għad-detriment kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel***;

Or. en

Emenda 451
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jinsab imħasseb li l-forom u x-xejriet tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru qed ikomplu jevolvu; jissottolinja

li l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu u d-diskors ta' mibegħda huma wħud mill-aktar forom mifruxa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza tan-nisa online u offline u jindirizzaw id-dannu dejjem aktar potenzjali u l-effett negattiv li t-teknoloġiji l-ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, jista' jkollhom fuq il-vittmi, kif ukoll jistabbilixxu miżuri preventivi u ta' appoġġ;

Or. en

Emenda 452
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob li n-nisa jkollhom protezzjoni legali, b'mod partikolari f'ambjenti fejn jiġu esposti għal vjolenza sistemika, inkluż dawk fejn huma soġġetti għal-liġi Iżlamika u tax-Xarija radikali, żwieġ tat-tfal, stupru jew mutilazzjoni ġenitali femminili;

Or. pl

Emenda 453
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza ***abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika***	19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza;

abbażi tal-ġeneru; ***itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE;***

Or. fi

Emenda 454
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza ***abbażi tal-ġeneru*** u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika ***abbażi tal-ġeneru***; ***itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE;***	19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza ***kontra n-nisa*** u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika;

Or. sk

Emenda 455
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ***u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom***, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; ***itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE;***	19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

Or. en

Emenda 456
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; ***itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE;***	19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

Or. pl

Emenda 457
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza ***abbażi tal-ġeneru*** u ***jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE***;	19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza ***domestika*** u ***jipprovdu assistenza xierqa lill-vittmi tagħha u lil dawk li jixtiequ jipproteġu lilhom infushom minnha***;

Or. en

Emenda 458
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; ***itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala reat ġdid tal-UE skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE***;	19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tagħhom, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; ***jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ aktar ir-rispons legali u politiku tal-UE għal tali vjolenza fil-qafas tal-kompetenzi eżistenti***;

Or. en

Emenda 459
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw deċiżjoni biex jinkludu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fil-lista ta' reati kriminali fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kunsill jattiva l-"klawżola passerelle"; jistieden lill-Kummissjoni tkun lesta biex tibda t-tieni stadju tal-proċedura u tipproponi direttiva mmirata lejn il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda kemm offline kif ukoll online, b'attenzjoni partikolari għal gruppi speċifiċi f'riskju, inklużi politiċi, ġurnalisti jew difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa;

Or. en

Emenda 460
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi kontra l-vjolenza mifruxa online mmirata lejn in-nisa, li saret ostaklu dejjem akbar għall-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja pubblika u għar-rappreżentanza ugwali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura infurzar xieraq tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tbiddel il-miżuri volontarji, jiġifieri l-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online, f'miżuri vinkolanti għall-pjattaformi online;

Or. en

Emenda 461
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jesprimi tħassib kbir dwar it-tkabbir tal-hekk imsejħa "manosfera" fl-ambjent online; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri biex tiġi indirizzata u miġġielda ż-żieda fil-valuri misoġinistiċi u tal-lemin estrem fost is-subien u l-irġiel żgħażagħ fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' fehim aktar profond tal-fenomenu u l-ideoloġija taċ-ċelibat involontarju u jenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni permezz ta' politiki aktar attivi biex dawn u n-narrattivi tagħhom jiġu miġġielda;

Or. en

Emenda 462
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi edukazzjoni komprensiva u adattata għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet fl-iskejjel u tieħu passi biex tiġġieled il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni dwar il-ġeneri u tindirizza l-istereotipi marbuta mal-ġeneru;

Or. en

Emenda 463
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19e. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi definizzjonijiet legali ta' atti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ħielsa mill-istereotipi marbuta mal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda suppożizzjoni fil-liġi jew fil-prattika li jingħata kunsens meta jkun hemm nuqqas ta' reżistenza fiżika għall-imġiba sesswali, irrispettivament minn jekk l-awtur ikunx hedded li juża jew uża vjolenza fiżika, jew minħabba li l-vittma tkun f'relazzjoni intima jew miżżewġa lill-awtur tar-reat;

Or. en

Emenda 464
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta; jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 465
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta; jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 466
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt	20. ***Jenfasizza li n-nuqqas ta' aċċess***

għall-abort jiġi inkluż fil-Karta; ***jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens;***

għall-SRHR jew iċ-ċaħda tiegħu, inkluż l-abort sikur u legali, huma forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem b'mod attiv favur aċċessibbiltà wiesgħa għall-SRHR fl-UE u globalment; itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort ***sikur u legali*** jiġi inkluż fil-Karta;

Or. en

Emenda 467
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta;*** jenfasizza li ***għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens***;	20. ***Jenfasizza li l-abort huwa suġġett sensittiv ħafna; jirrimarka li hemm approċċi differenti fost l-Istati Membri; jitlob li jitqiesu d-differenzi kulturali u reliġjużi bejn l-Istati Membri***; jenfasizza li ***l-istupru, minkejja s-serjetà tiegħu, mhuwiex reat li jissodisfa l-kriterji għal reat transfruntier, u għalhekk il-liġijiet dwar l-istupru jridu jiġu mgħoddija fil-livell nazzjonali***;

Or. fi

Emenda 468
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta;*** jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq	20. Jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta'

in-nuqqas ta’ kunsens;	kunsens;

Or. en

Emenda 469
Karlo Ressler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta;*** jenfasizza li għad m’hemmx definizzjoni tal-UE ta’ stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta’ kunsens;	20. Jenfasizza li għad m’hemmx definizzjoni tal-UE ta’ stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta’ kunsens;

Or. en

Emenda 470
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Itenni l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta; jenfasizza li għad m’hemmx definizzjoni tal-UE ta’ stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta’ kunsens***;	20. ***Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jipproteġu bis-sħiħ il-ħajja tal-persuni fil-ġuf u jwaqqfu l-ksur sfaċċat tal-Artikoli 1 u 2 tal-Karta, li qed jippermetti aborti legali***;

Or. en

Emenda 471
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Itenni ***l-appell tiegħu biex id-dritt għall-abort jiġi inkluż fil-Karta***; ***jenfasizza li għad m'hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema dfinizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens;***	20. Itenni ***li l-Istati Membri għandhom il-kompetenzi esklużivi tagħhom stess biex jirregolaw ċerti oqsma ta' politika bħall-abort***;

Or. en

Emenda 472
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Itenni li l-vjolenza sesswali, inkluż l-istupru, hija ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw li l-liġijiet kriminali nazzjonali jiddefinixxu l-istupru abbażi tan-nuqqas ta' kunsens mogħti liberament, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-istandards internazzjonali li qed jevolvu; jiddeplora r-rigressjoni fid-drittijiet tan-nisa, inkluż kwalunkwe rtirar mill-Konvenzjoni;

Or. en

Emenda 473
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura

segwitu xieraq għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej Il-Vuċi Tiegħi l-Għażla Tiegħi u tressaq proposta għal mekkaniżmu finanzjarju biex tappoġġja lill-Istati Membri li lesti jipprovdu servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva sikuri, inkluż abort sikur u legali, għal dawk fl-UE li għad ma għandhomx aċċess għal tali servizzi;

Or. en

Emenda 474
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jenfasizza li għad ma hemmx definizzjoni tal-UE ta' stupru, liema definizzjoni hija bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens; iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jinkludu definizzjoni ta' stupru bbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens mogħti liberament fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal tali definizzjoni fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 475
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

20c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrikonoxxu formalment il-femminiċidju bħala reat distint u bbażat fuq il-ġeneru fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jadottaw u jinfurzaw strateġiji komprensivi biex jipprevenuh u jiġġilduh, jiżguraw investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi tal-każijiet kollha, u jipprovdu postijiet ta' kenn speċjalizzati, mekkaniżmi ta' konsulenza u kumpens għall-qraba tal-vittmi;

Or. en

Emenda 476
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Jissottolinja li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, hija reat serju u perva żiv, kif ukoll ksur radikali tad-drittijiet fundamentali, u jikser il-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, inkluża l-vjolenza mwettqa bl-użu tal-pjattaformi diġitali; jitlob li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru tiżdied mal-lista ta' reati tal-UE u li ssir proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru abbażi tan-nuqqas ta' kunsens, anke fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali;

Or. en

Emenda 477
Ewa Zającz kowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	***imħassar***

Or. en

Emenda 478
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	***imħassar***

Or. en

Emenda 479
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	***imħassar***

Or. en

Emenda 480
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	***imħassar***

Or. en

Emenda 481
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 482
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	21. ***Jesprimi tħassib serju dwar il-votazzjoni reċenti mill-Parlament Latvjan biex jirtira mill-Konvenzjoni ta' Istanbul; jissottolinja li dan huwa l-qofol ta' kampanja twila ta' diżinformazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-għanijiet tal-Konvenzjoni mill-forzi antidemokratiċi madwar l-UE; iħeġġeġ lil-Latvja terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha;*** jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

Or. en

Emenda 483
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	21. Jistieden lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul; ***jesprimi dispjaċir kbir għad-deċiżjoni tal-Latvja li tirtira mill-konvenzjoni ta' Istanbul, iħeġġeġ lill-pajjiż jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu;***

Or. en

Emenda 484
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jistieden lill-Bulgarija***, ***liċ-Ċekja***, ***lill-Ungerija***, ***lil-Litwanja*** u ***lis-Slovakkja jirratifikaw*** il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	21. ***Jirrispetta bis-sħiħ id-deċiżjoni sovrana tal-Bulgarija***, ***taċ-Ċekja***, ***tal-Ungerija***, ***tal-Litwanja*** u ***tas-Slovakkja li ma jirratifikawx*** il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

Or. sk

Emenda 485
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden ***lill-Bulgarija, liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lil-Litwanja u lis-Slovakkja*** jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;	21. jistieden ***lill-Istati Membri kollha*** jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

Or. en

Emenda 486
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-użu tal-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra u jfakkar li tali mġiba tista' tirrappreżenta delitti tal-gwerra jew delitti kontra l-umanità skont id-dritt internazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu b'mod attiv biex jiżguraw il-prosekuzzjoni u l-obbligu ta' rendikont għal dawn it-tipi ta' reati fil-livell internazzjonali u permezz tal-applikazzjoni tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem u jsaħħu l-appoġġ għall-isforzi internazzjonali biex dawn ir-reati jiġu ddokumentati fil-kunflitti li għaddejjin u għall-miżuri ta' prevenzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għal abort sikur u legali għall-vittmi ta' vjolenza sesswali, inkluż tal-vittmi ta' stupru fil-kuntest tal-gwerra;

Or. en

Emenda 487
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex isaħħu r-rwol tal-familja bħala l-pedament ta' soċjetà b'saħħitha, jippromwovu mudelli pożittivi tat-trobbija tat-tfal, u jieħdu miżuri oħra b'reazzjoni għall-kriżi demografika li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 488
Alessandro Zan, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jilqa' l-istrateġija l-ġdida dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jistieden lill-Istati Membri jġeddu jew jadottaw pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji nazzjonali ġodda tal-LGBTIQ+ biex jikkomplementaw l-inizjattivi tal-UE b'miżuri nazzjonali effettivi;

Or. en

Emenda 489
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni malajr tal-istrateġija dwar l-LGBTIQ+, jimmonitorjaw il-konformità u jirrapportaw regolarment dwar il-

progress;

Or. en

Emenda 490
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTQI+;

Or. en

Emenda 491
Alessandro Zan, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiġġieled il-prattiki diskriminatorji kollha u tissalvagwardja l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fit-Trattati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-moviment liberu tal-persuni u d-drittijiet tat-tfal, u r-rispett għall-ħajja tal-familja jiġu rispettati bis-sħiħ fit-territorju tal-UE u li kull ċittadin ikun jista' jgawdi drittijiet ugwali u jeżerċita bis-sħiħ id-drittijiet tiegħu; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri; ifakkar fil-mandat tal-Parlament li jappoġġja r-rikonoxximent tal-paternità madwar l-UE, irrispettivament minn kif jiġi konċeput

jew jitwieled wild jew it-tip ta' familja li jkollu; jistieden lill-Kunsill jimplimenta bis-sħiħ dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jipproteġi d-drittijiet fundamentali tat-tfal, jaġixxi fl-aħjar interessi tat-tfal, iżid iċ-ċertezza legali u jiġġieled id-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 492
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jesprimi tħassib serju dwar ir-rigressjoni allarmanti kontra l-persuni LGBTIQ u gruppi vulnerabbli u emarġinati oħra kemm fl-UE kif ukoll globalment; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' protezzjoni adegwata għal dawn il-gruppi madwar l-Istati Membri minħabba gradi differenti ta' implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni;

Or. en

Emenda 493
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Il-priġunieri u l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni

Or. en

Emenda 494
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jikkundanna bil-qawwa l-popolazzjoni eċċessiva, in-nuqqas ta' kura medika u l-arrest preventiv illegali fit-tul;

Or. en

Emenda 495
Alessandro Zan, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jiddeplora bil-qawwa t-tixrid ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda; jissottolinja li dan joħloq theddida serja għar-rispett tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE li tindirizzaha; jisħaq għalhekk fuq l-importanza ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva bbażata fuq l-oqsma eżistenti ta' kriminalità koperti mill-Artikolu 83(1) tat-TFUE, bħar-reati relatati mal-informatika, biex tarmonizza d-definizzjoni ta' reati ta' mibegħda;

iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw deċiżjoni biex jinkludu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fost ir-reati ta' mibegħda elenkati fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

Or. en

Emenda 496
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jesprimi tħassib serju dwar l-intensifikazzjoni tal-attakki fuq il-komunità LGBTIQ u d-drittijiet fundamentali tagħha f'xi Stati Membri, pereżempju billi r-rikonoxximent legali tal-ġeneru jsir impossibbli, titħassar l-eżistenza ta' persuni intersesswali, jinkisru d-drittijiet riproduttivi jew jiġi ristrett l-aċċess għal kura tas-saħħa riproduttiva essenzjali u edukazzjoni sesswali komprensiva u xierqa għall-età għat-tfal; jenfasizza li dawn l-attakki jiksru d-dritt ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt għall-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, u l-protezzjoni ugwali tal-liġi mingħajr diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 497
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu b'mod urġenti l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet kollha, inklużi l-faċilitajiet għall-minorenni, billi jindirizzaw il-popolazzjoni eċċessiva, jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-appoġġ psikoloġiku, u jsaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tas-suwiċidju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja l-konformità mar-Regoli Ewropej tal-Ħabsijiet, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jisħaq li l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, speċjalment tal-minorenni mċaħħda mil-libertà, hija kejl tas-saħħa morali u demokratika ta' soċjetà;

Or. en

Emenda 498
Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jissottolinja li n-nuqqas ta' proċeduri legali tar-rikonoxximent tal-ġeneru jikser id-drittijiet fundamentali; jikkundanna l-prattiki ta' konverżjoni, jiġifieri, iżda mhux limitati għal prattiki mmirati lejn it-tibdil, ir-repressjoni, jew it-trażżin tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna, bħala ksur tad-drittijiet fundamentali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizzahom b'azzjonijiet konkreti, filwaqt li tqis ukoll l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bit-titolu "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea";

Or. en

Emenda 499
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw malajr ir-Regolament dwar l-Istat ta' Ġenitur biex iġibu ċertezza legali għall-ġenituri u t-tfal madwar l-UE irrispettivament minn kif it-tfal ikunu ġew ikkonċepiti jew imwielda u irrispettivament mit-tip ta' familja tat-tfal, u jiżguraw li l-istat ta' ġenitur stabbilit minn Stat Membru wieħed tal-UE jiġi rikonoxxut awtomatikament madwar l-UE kollha; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja d-diskussjonijiet fil-Kunsill u tidentifika perkorsi possibbli oħra jekk ma tintlaħaqx l-unanimità fil-Kunsill;

Or. en

Emenda 500
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Ifakkar li l-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattament inuman jew degradanti, stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Karta u fl-Artikolu 3 tal-KEDB, hija assoluta u mhux derogabbli, u tapplika bis-sħiħ għall-persuni kollha mċaħħda mil-libertà;

Or. en

Emenda 501
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw konformità sħiħa mar-Regoli Nelson Mandela, il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, u r-Regoli Ewropej tal-Ħabsijiet, billi jadottaw miżuri preventivi u riabilitattivi, itejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi tas-saħħa mentali;

Or. en

Emenda 502
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21f. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarantixxu li l-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u l-mekkaniżmi preventivi nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu żjarat mingħajr restrizzjonijiet fil-postijiet kollha ta' detenzjoni u li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom jiġu implimentati bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 503

Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21g. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons rapidu biex tindirizza ksur serju fil-ħabsijiet, f'konformità mal-obbligu tal-Unjoni li tirrispetta l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. en

Emenda 504
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Soċjetà ċivili ***mhedda***	***L-iżgurar ta' ambjent favorevoli għas-soċjetà*** ċivili

Or. en

Emenda 505
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika;	22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika; ***ifakkar li skont l-Artikolu 11(2) tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni***

jeħtiġilhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, u jisħaq b'mod partikolari f'dan ir-rigward li l-aċċess għall-finanzjament strutturali huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni pubblika;

Or. en

Emenda 506
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ ***fit-tfassil*** tal-politika;	22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ ***fil-proċess tat-tfassil*** tal-politika ***pubblika***; ***ifakkar, madankollu, li s-sistemi demokratiċi tal-Istati Membri stabbilew mekkaniżmi kostituzzjonali u legali li jiddefinixxu r-regoli għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv u jistabbilixxu l-limiti tas-setgħat tal-istituzzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam;***

Or. pl

Emenda 507
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-	22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-

involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika;	involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika***, inkluż fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali***;

Or. en

Emenda 508
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati*** Membri ***jiżguraw*** u ***jippromwovu l-involviment*** u ***l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini*** u tal-OSĊ ***fit-tfassil tal-politika***;	22. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li l-Istati*** Membri u ***ċ-ċittadini tagħhom jkunu involuti aktar mill-qrib fit-teħid tad-deċiżjonijiet,*** u ***li l-finanzjament għall-OSĊ jkun trasparenti u politikament newtrali***;

Or. fi

Emenda 509
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini ***u tal-OSĊ*** fit-tfassil tal-politika;	22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika***, mingħajr l-influwenza tal-hekk imsejħa organizzazzjonijiet mhux governattivi politiċi***;

Or. sk

Emenda 510
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ***u jippromwovu l-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-OSĊ fit-tfassil tal-politika***;	22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ***proċessi ta' konsultazzjoni effettivi f'konformità mal-istandards ta' governanza tajba***;

Or. en

Emenda 511
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni injorat l-appelli biex jinżamm u jissaħħaħ il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) bħala programm awtonomu u b'aktar finanzjament fil-QFP li jmiss; ifakkar fl-importanza li l-programm CERV kellu fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari billi appoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, u billi ħeġġeġ il-parteċipazzjoni ċivika u demokratika, sabiex tiġi sostnuta u żviluppata aktar soċjetà miftuħa, ibbażata fuq id-drittijiet, demokratika, ugwali u inklużiva; iqis li l-Programm AgoraEU l-ġdid irid jipprovdi salvagwardja tal-anqas fl-istess livell ta'

ambizzjoni bħall-programm CERV;

Or. en

Emenda 512
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 513
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex ***dawn*** jiġu appoġġjati;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE***, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tagħhom minn theddid u attakki bħal SLAPPs, tnaqqas il-pożijiet amministrattivi, tipprovdi appoġġ strutturali fit-tul, prevedibbli, adegwat u sostenibbli, b'mod partikolari l-finanzjament tal-UE, kif ukoll tikkunsidra r-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni dannuża li tirrestrinġi d-dritt għal għaqda paċifika u tisfida l-ħidma tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni***

u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex jiġu appoġġjati ***l-OSĊ u d-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE***;

Or. en

Emenda 514
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati; ***jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-QFP li jmiss biex tippermetti r-ridistribuzzjoni tal-fondi ffriżati lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ggarantit li sehem minn tali riżorsi jkun jista' jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu biex jippromwovu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri fejn il-fondi jibqgħu ffriżati;***

Or. en

Emenda 515
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod sistematiku s-sitwazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet fir-rapporti tagħha dwar l-istat tad-dritt*** u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament tal-UE ddedikat adegwat għall-atturi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet fundamentali;***

Or. en

Emenda 516
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili ***tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili ***tiżgura t-trasparenza tal-finanzjament tal-OSĊ***;

Or. en

Emenda 517
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB ***li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB***, fl-ambitu tat-Trattati u bir-rispett dovut tas-sovranità tal-Istati Membri u tal-orjentazzjonijiet tal-politiki magħżula demokratikament tagħhom***;

Or. pl

Emenda 518
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE ***u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-soċjetà ċivili tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE;

Or. en

Emenda 519
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tiggarantixxi li ***l-istrateġija li jmiss tal-UE dwar*** is-soċjetà ċivili ***tappoġġja, tipproteġi u tagħti s-setgħa lill-OSĊ u lid-DDB li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' reazzjoni***	23. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tiggarantixxi li ***ma tużax appoġġ finanzjarju biex*** is-soċjetà ċivili ***ssegwi l-aġenda politika tagħha stess***; ***jenfasizza l-bidla fis-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa, li trid tiġi riflessa wkoll fil-fokus tal-***

rapida fl-UE biex dawn jiġu appoġġjati;	***finanzjament għas-soċjetà ċivili***;

Or. fi

Emenda 520
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis kontinwu tal-ispazju ċiviku f'diversi Stati Membri; ifakkar fis-sejbiet tal-FRA li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom qed jiffaċċjaw fastidju, kampanji ta' malafama u ostakli fl-aċċess għall-finanzjament tal-UE; jissottolinja li l-libertà ta' assoċjazzjoni, kif iggarantita mill-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, hija pedament ta' soċjetà demokratika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi Indiċi Ewropew tal-Ispazju Ċiviku biex jimmonitorja u jirrapporta kull sena dwar l-ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u l-protezzjoni ta' dan id-dritt fundamentali;

Or. en

Emenda 521
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jesprimi tħassib serju li ċ-ċittadini Bulgari ġew miċħuda l-opportunità li jesprimu direttament ir-rieda demokratika tagħhom permezz ta' referendum nazzjonali dwar l-adozzjoni tal-euro,

minkejja dibattitu pubbliku sostnut u d-domanda ċara murija minn 604 000 ċittadin li ffirmaw petizzjoni li titlob referendum dwar il-posponiment tad-dħul tal-Bulgarija fiż-żona tal-euro;

Or. en

Emenda 522
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni qed jagħmlu pressjoni għal appoġġ esklużivament għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili liberali u tax-xellug, u b'hekk qed jaqbżu l-kompetenzi tagħhom u qed isiru parti minn tilwim ideoloġiku;

Or. pl

Emenda 523
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jesprimi oppożizzjoni kbira għall-finanzjament, mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tagħha, ta' organizzazzjonijiet li l-mandat tagħhom huwa li jinfluwenzaw il-pożizzjonijiet ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, inkluż il-Parlament Ewropew; iqis li dan huwa inaċċettabbli, jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapport dettaljat dwar dan is-suġġett u jipproponi li l-Qorti

Ewropea tal-Awdituri għandha twettaq kontrolli f'dan il-qasam; iqis li l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet tal-UE l-oħra ma għandhomx il-libertà li jallokaw finanzjament jew forom oħra ta' appoġġ għal miżuri ideoloġiċi ta' kwalunkwe tip, inklużi miżuri mfassla biex jinfluwenzaw l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri;

Or. pl

Emenda 524
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 525
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 526

Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	***imħassar***

Or. en

Emenda 527
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 528
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan; ***ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE trid tkun allinjata mal-istandards Ewropej u Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw is-***

sitwazzjoni fejn hemm nuqqas ta' allinjament;

Or. en

Emenda 529
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan; ***jiddenunzja bil-qawwa li d-dritt għal protesta paċifika huwa dejjem aktar mhedded, b'mod partikolari għall-attivisti favur il-klima u d-dimostranti favur il-Palestina;***

Or. en

Emenda 530
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa tas-solidarjetà u jħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***joqogħdu lura milli jagħmlu dan***;	24. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma jkollhiex l-effett li tikkriminalizza l-assistenza umanitarja pprovduta lil persuni vulnerabbli, f'konformità mal-obbligu tal-UE u dak internazzjonali***;

Or. en

Emenda 531

Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni kontinwa ***tas-solidarjetà*** u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;	24. Jikkundanna bil-qawwa **"**l-kriminalizzazzjoni***"*** kontinwa ***tal-fehmiet konservattivi*** u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jagħmlu dan;

Or. sk

Emenda 532
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jikkundanna l-fatt li f'ħafna Stati Membri l-awtoritajiet infurzaw miżuri sproporzjonati, bħall-projbizzjoni preventiva ta' laqgħat pubbliċi b'solidarjetà mal-Palestina, abbażi tar-riskju għall-"ordni pubbliku" u s-"sigurtà", u l-użu ta' forza eċċessiva u d-detenzjoni tad-dimostranti kif ukoll il-konfużjoni tal-kritika leġittima tal-awtoritajiet Iżraeljani mal-antisemitiżmu, li twassal għal effett negattiv; jisħaq li f'diversi każijiet, il-projbizzjonijiet ġew appellati u l-qrati intervjenew kontra l-projbizzjoni tal-protesti b'solidarjetà mal-Palestina; jikkundanna, fl-ogħla livell politiku, ir-restrizzjonijiet illegali fuq id-dritt tal-libertà ta' għaqda paċifika u tal-espressjoni;

Or. en

Emenda 533
Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa, Roberto Vannacci, Petra Steger, Nikola

Bartůšek, Fabrice Leggeri, Jaroslav Bžoch, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jikkundanna bil-qawwa l-kriminalizzazzjoni ta' movimenti konservattivi fl-Istati Membri mill-media tradizzjonali ffinanzjata pubblikament, li twassal għal attakki vjolenti fuq attivisti u politiċi konservattivi;

Or. en

Emenda 534
Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa, Roberto Vannacci, Petra Steger, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Itenni li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-vjolenza politika ma għandha l-ebda post f'soċjetajiet demokratiċi b'saħħithom, u li huwa d-dmir tal-Unjoni li tiddefendi l-valuri u l-istil ta' ħajja Ewropej; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kunsill jinkludi lill-Antifa u lill-Fratellanza Musulmana mal-lista tal-Unjoni ta' organizzazzjonijiet terroristiċi biex itemm il-finanzjament u l-attivitajiet dannużi tagħhom;

Or. en

Emenda 535
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;	25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi gvernijiet, bħal dak fil-Polonja, iċaħħdu d-dritt li jiġu organizzati assembleji regolari, jippermettu li dawn jiġu mfixkla apposta, u saħansitra jorganizzaw provokazzjonijiet huma stess sabiex iħarbtuhom, ixoljuhom jew ipinġuhom b'mod sfavorevoli f'għajnejn il-pubbliku;***

Or. pl

Emenda 536
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika ***u*** joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;	25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika***,*** joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku ***u jiffaċilitaw ambjent fejn il-kritika tkun parti minn dibattitu b'saħħtu dwar kwalunkwe kwistjoni ta' tħassib pubbliku***; ***huwa tal-fehma li n-negozji għandhom jinżammu responsabbli għal kwalunkwe att ta' ritaljazzjoni kontra ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet, DDB, informaturi, attivisti u NGOs;***

Or. en

Emenda 537
Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa, Roberto Vannacci, Petra Steger, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;	25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku; ***jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-maħfriet reċenti lill-membri ta' Antifa li attakkaw dimostrazzjoni tal-partit VOX fi Spanja fl-2019, li serviet bħala approvazzjoni mill-Gvern tal-vjolenza kontra l-oppożizzjoni;***

Or. en

Emenda 538
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;	25. ***Jikkundanna bil-qawwa l-użu ta' "liġijiet dwar l-aġenti barranin", li joħonqu d-dissens, jattakkaw l-OSĊ u jirrestringu l-operazzjonijiet tagħhom, u b'hekk joħolqu effett negattiv fuq is-soċjetà ċivili u d-DDB;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;

Or. en

Emenda 539
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli ***jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha*** effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku;	25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt ***fundamentali*** tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli ***jipproponu jew jimplementaw miżuri li jista' jkollhom l-hekk imsejjaħ*** effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku***, filwaqt li jinnota bi tħassib li tali tentattivi ġew osservati f'xi Stati Membri***;

Or. en

Emenda 540
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika ***u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku***;	25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika;

Or. fi

Emenda 541
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom*** għal għaqda paċifika ***u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku***;	25. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiżguraw li d-dritt*** għal għaqda paċifika ***jkun jista' jiġi eżerċitat f'konformità mad-dritt tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li jinżammu l-ordni u s-sikurezza pubbliċi***;

Or. en

Emenda 542
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jinnota bi tħassib li diversi Stati Membri imponew miżuri sproporzjonati, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza u d-detenzjoni tad-dimostranti, sabiex jipprevjenu lin-nies milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika, kif ukoll projbizzjonijiet preventivi fuq laqgħat pubbliċi għal raġunijiet vagi ta' sigurtà; jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet ta' għaqda, espressjoni u assoċjazzjoni, kif ukoll l-użu ta' forza eċċessiva, spiss jaffettwaw b'mod sproporzjonat lil gruppi jew kawżi speċifiċi;

Or. en

Emenda 543
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja li l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni huma komponenti essenzjali tad-demokrazija, kif rikonoxxut fl-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod sistematiku r-restrizzjonijiet jew l-użu sproporzjonat tal-forza matul id-dimostrazzjonijiet, u tiżgura li kwalunkwe limitazzjoni tkun strettament meħtieġa u proporzjonata;

Or. en

Emenda 544
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu d-djalogu kostruttiv mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jappoġġjaw il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fil-politiki tal-UE, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u l-konformità sħiħa mar-regoli applikabbli;

Or. en

Emenda 545
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li n-nies ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal għaqda paċifika u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li jista' jkollha effett negattiv fuq l-ispazju ċiviku; jitlob ir-rispett sħiħ tal-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jikkundanna l-użu ta' forza eċċessiva, sorveljanza u fastidju ġudizzjarju kontra dimostranti paċifiċi, trejdjunjonisti, difensuri ambjentali u ġurnalisti li jkopru l-protesti; jisħaq li r-rwol tal-infurzar tal-liġi jrid ikun li jipproteġi, u mhux li jintimida, lil dawk li jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom; ifakkar li l-protezzjoni tad-dritt għall-protesta tfisser il-protezzjoni tad-demokrazija nnifisha;

Or. en

Emenda 546
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jinsab imħasseb ħafna dwar ix-xejra dejjem tikber ta' OSĊ u DDB li qed jiffaċċjaw aktar restrizzjonijiet legali, nuqqas ta' finanzjament, u attakki, li jdgħajfu l-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' għaqda u l-libertà tal-espressjoni; jinnota bi tħassib li diversi Stati Membri u pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali imponew miżuri sproporzjonati, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza u d-detenzjoni ta' dimostranti biex jipprevjenu lin-nies milli jipparteċipaw fil-protesti f'xi Stati Membri, kif ukoll projbizzjonijiet preventivi fuq laqgħat

pubbliċi għal raġunijiet ta' sigurtà vagi; jisħaq li l-qrati annullaw tali projbizzjonijiet f'diversi każijiet; jikkundanna bil-qawwa l-użu ta' "liġijiet dwar l-aġenti barranin", li joħonqu d-dissens, jagħtu fastidju lill-OSĊ u jirrestringu l-operazzjonijiet tagħhom, b'mod li joħloq effett negattiv fuq is-soċjetà ċivili u d-DDB; jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' għaqda, ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni u l-użu ta' forza eċċessiva sikwit jolqtu b'mod sproporzjonat lil kawżi jew gruppi speċifiċi;

Or. en

Emenda 547
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25d. Jisħaq li l-għaqda paċifika, il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, u l-libertà tal-arti u x-xjenzi huma drittijiet fundamentali protetti mid-dritt internazzjonali u huma essenzjali għad-demokrazija;

Or. en

Emenda 548
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25e. Jesprimi tħassib serju dwar l-ispazju ċiviku li qed jiċkien u ż-żieda fil-persekuzzjoni tal-OSĊ u tad-DDB fl-UE,

b'mod partikolari dawk li jaħdmu fuq il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ġustizzja klimatika, id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ, id-drittijiet tan-nisa u l-appoġġ tal-migranti; jinnota li dawn il-gruppi jiffaċċjaw firxa ta' theddid, inklużi restrizzjonijiet legali u finanzjarji, sospensjonijiet tal-finanzjament, kampanji ta' malafama, intimidazzjoni u kriminalizzazzjoni; jikkundanna, b'mod partikolari, iż-żieda fit-trażżin tal-attiviżmu klimatiku f'diversi Stati Membri, inkluż l-użu ħażin tal-liġijiet kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u l-klassifikazzjoni ta' attivisti klimatiċi paċifiċi bħala membri ta' "organizzazzjonijiet kriminali"; jistieden lill-Istati Membri joqogħdu lura minn azzjoni legali sproporzjonata kontra tali attivisti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod sistematiku s-sitwazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet fir-rapporti tagħha dwar l-istat tad-dritt u tespandi l-finanzjament iddedikat tal-UE għall-atturi tas-soċjetà ċivili li jiġġieldu r-razziżmu u jaħdmu fuq drittijiet fundamentali oħra;

Or. en

Emenda 549
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25f. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-protezzjoni tal-OSĊ u tad-DDB, billi tistabbilixxi mekkaniżmi ta' twissija bikrija, iżżid it-trasparenza tal-finanzjament għall-atturi kollha fl-ambitu tar-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE u tespandi l-finanzjament biex tappoġġja lill-OSĊ biex ikunu jistgħu joperaw

liberament u b'mod indipendenti;

Or. en

Emenda 550
Marco Tarquinio, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25g. Iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent abilitanti għall-OSĊ u d-DDB, jadottaw id-Direttiva Anti-SLAPP, u jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jipproteġu lill-OSĊ mill-fastidju legali; jappella għal indipendenza msaħħa tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza, b'riżorsi u salvagwardji adegwati kontra l-interferenza politika; iħeġġeġ l-appoġġ lill-OSĊ fl-iżvilupp u t-tixrid ta' inizjattivi edukattivi biex jiżguraw ħidma biex jintlaħqu n-nies u aċċessibbiltà wiesa';

Or. en

Emenda 551
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Razziżmu u diskriminazzjoni strutturali	***L-ugwaljanza, l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni***

Or. en

Emenda 552

Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 553
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 554
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata;	26. ***Ifakkar li t-Trattati tal-UE u l-Karta jħaddnu l-mandat u r-responsabbiltà tal-UE biex tiġġieled id-diskriminazzjoni u tippromwovi trattament ugwali għal kulhadd; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-lakuni fil-qafas tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod korrett il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni;*** itenni l-

	appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata ***u jħeġġeġ lill-Istati Membri jilħqu ftehim ta' kompromess malajr kemm jista' jkun***;

Or. en

Emenda 555
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva*** Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni ***tiġi żblukkata***;	26. ***Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li treġġa' lura l-irtirar tad-Direttiva*** Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni ***proposta; itenni l-appelli tiegħu biex jiġu żblukkati d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar id-Direttiva mingħajr dewmien sabiex tinkiseb protezzjoni armonizzata għall-persuni kollha fl-UE;***

Or. en

Emenda 556
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata;	26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata ***biex tiġi żgurata protezzjoni komprensiva mid-diskriminazzjoni lil hinn mis-suq tax-xogħol***; ***jisħaq li l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi hija pedament tal-mudell soċjali***

Ewropew;

Or. en

Emenda 557
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata;	26. Itenni l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata***, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jfasslu triq ’il quddiem biex jiżguraw protezzjoni komprensiva mid-diskriminazzjoni għar-raġunijiet u l-oqsma kollha tal-ħajja***;

Or. en

Emenda 558
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni ***l-appell tiegħu biex id-Direttiva Orizzontali kontra d-Diskriminazzjoni tiġi żblukkata***;	26. Itenni ***li ċ-ċittadini kollha huma ugwali f’għajnejn il-liġi***;

Or. en

Emenda 559
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jirrikonoxxi u jikkundanna l-eżistenza ta' razziżmu strutturali fl-UE kkawżat minn stereotipi mrawma minn diskorsi li jirriżultaw f'diskriminazzjoni kontra minoranzi etniċi fl-oqsma kollha ta' ħajjithom; jinsab imħasseb ħafna dwar il-forom individwali, strutturali u istituzzjonali ta' razziżmu u ksenofobija fl-UE u d-diskriminazzjoni li qed tiżdied kontra l-Għarab, l-Ewropej is-Suwed, il-persuni ta' dixxendenza Ażjatika, il-Lhud, il-Musulmani, u l-poplu Rom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtemmu l-prattiki, il-politiki u l-liġijiet istituzzjonali diskriminatorji;

Or. en

Emenda 560
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 561
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-	27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-

ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu;	ugwaljanza ***bejn il-ġeneri*** u l-ġlieda kontra r-razziżmu ***għas-snin li ġejjin***; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat lejn l-istrateġiji, l-oqfsa u l-pjanijiet ta' azzjoni eżistenti u futuri kollha, u fihom, inklużi l-Istrateġija tal-UE tad-Diżabilità 2021-2030, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, l-Istrateġija dwar l-LGBTIQ, sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni tagħhom;***

Or. en

Emenda 562
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu;	27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu; ***li jinkludu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew; jinsab imħasseb ħafna li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu jiskadi fi tmiem l-2025 u li l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 ma jinkludix l-Istrateġija l-ġdida tal-UE Kontra r-Razziżmu;***

Or. en

Emenda 563
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni ***tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu***;	27. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrevedi l-istrateġiji u l-pjanijiet direzzjonali eżistenti tagħha u, meta jkun meħtieġ u f'konformità mal-kompetenzi tagħha, taġġornahom sabiex tindirizza d-diskriminazzjoni b'mod komprensiv għar-raġunijiet u l-oqsma kollha tal-ħajja***;

Or. en

Emenda 564
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni ***tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar*** l-ugwaljanza u ***l-ġlieda kontra r-razziżmu***;	27. Jistieden lill-Kummissjoni ***tipprattika*** l-ugwaljanza u ***ma tiffavorixxi l-ebda aġenda politika speċifika fl-istrateġiji tagħha***;

Or. en

Emenda 565
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni ***tippreżenta strateġiji ambizzjużi dwar l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu***;	27. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza qabelxejn l-istandard tal-għajxien li qed jitbaxxa taċ-ċittadini, u mbagħad tindirizza kwistjonijiet polarizzanti***;

Or. sk

Emenda 566
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ħafna Stati Membri għadhom ma adottawx Strateġiji jew Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra r-Razziżmu; jistieden lill-Istati Membri kollha jadottaw u jimplimentaw bis-sħiħ Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra r-Razziżmu jew Strateġiji b'miri, skedi ta' żmien u baġits ċari; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi standards minimi vinkolanti u mekkaniżmi ta' monitoraġġ regolari, f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 567
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-sentenzi mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'attenzjoni partikolari għas-sentenzi li jikkonċernaw in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-minoranzi;

Or. en

Emenda 568
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod urġenti l-kompatibbiltà tal-Liġi tal-Ungerija dwar il-Protezzjoni tal-Identità Lokali mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluża t-tnedija ta' proċeduri ta' ksur, fejn jiġi identifikat ksur; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki lokali dwar l-akkomodazzjoni u r-residenza jikkonformaw bis-sħiħ mal-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u ma jirriżultawx f'segregazzjoni etnika jew soċjoekonomika;

Or. en

Emenda 569
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament sostenibbli, flessibbli u aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ffukati fuq l-ugwaljanza, inkluż appoġġ għal litigazzjoni strateġika u promozzjoni; jisħaq li dan għandu jinkludi pakketti ddedikati fil-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV+) fl-ambitu ta' AgoraEU, filwaqt li tiġi pprevenuta l-esklużjoni tal-OSĊ minn rwoli u setturi ta' implimentazzjoni usa'; jissottolinja li l-aċċess għall-fondi

tal-UE għandu jkun kundizzjonali fuq il-konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u mal-istandards kontra d-diskriminazzjoni u jitlob allokazzjoni trasparenti biex jiġi ggarantit appoġġ fit-tul għad-drittijiet tal-bniedem u għall-OSĊ iffukati fuq l-ekwità;

Or. en

Emenda 570
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27d. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-ġlieda kontra r-razziżmu prinċipju gwida tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil, tipprojbixxi t-tfassil ta' profili razzjali u l-prattiki diskriminatorji fil-fruntieri, u talloka riżorsi sostanzjali għal inizjattivi bbażati fuq l-inklużjoni u d-drittijiet;

Or. en

Emenda 571
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27e. Jistieden lill-Istati Membri jipprojbixxu t-tfassil ta' profili etniċi u razzjali fl-infurzar tal-liġi, jistabbilixxu mekkaniżmi indipendenti ta' monitoraġġ, ta' obbligu ta' rendikont u tal-ilmenti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi ta' sikurezza,

prevenzjoni u kura bbażati fil-komunità;

Or. en

Emenda 572
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27f. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-implimentazzjoni tal-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tipprevjeni d-diskriminazzjoni algoritmika; iħeġġeġ l-istabbiliment ta' valutazzjonijiet tal-impatt vinkolanti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza għas-sistemi tal-IA użati fil-migrazzjoni, il-pulizija u l-protezzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 573
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27g. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ir-razziżmu ambjentali u l-esponiment sproporzjonat tal-komunitajiet razzjalizzati għat-tniġġis, id-degradazzjoni ambjentali u r-riskji klimatiċi;

Or. en

Emenda 574
Marco Tarquinio, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27h. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2024/1500 u d-Direttiva 2024/1499, li jistabbilixxu standards minimi għall-Korpi tal-Ugwaljanza; iħeġġeġ miżuri konkreti biex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-Korpi tal-Ugwaljanza u tiġi żgurata l-effettività tagħhom fil-promozzjoni tal-ugwaljanza;

Or. en

Emenda 575
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jistieden lill-Kummissjoni*** u ***lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli***;	28. ***Jirrimarka li l-Istati Membri jiffurmaw grupp li huwa l-mexxej dinji indiskutibbli f'dak li għandu x'jaqsam mad-difiża tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-minoranzi; jenfasizza li l-akbar theddida bil-bosta għad-drittijiet tal-minoranzi fl-Ewropa ġejja mill-migranti li l-fehmiet kulturali tagħhom huma kompletament kuntrarji għall-valuri Ewropej***;

Or. fi

Emenda 576
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, ***l-omofobija, it-transfobija*** u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda ***kontra persuni vulnerabbli***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ***l-antisemitiżmu,*** il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, ***l-mibegħda kontra minoranzi sesswali*** u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda;

Or. en

Emenda 577
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ***il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ***l-istandard tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE li qed jitbaxxa u t-telf tal-kompetittività tal-Unjoni***;

Or. sk

Emenda 578
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, ***l-omofobija, it-transfobija*** u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda ***kontra persuni vulnerabbli***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, ***l-misandrija*** u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda***, inkluża l-mibegħda minħabba perspettiva dinjija jew denominazzjoni reliġjuża differenti***;

Or. en

Emenda 579
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta'*** preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni ***u mibegħda kontra persuni vulnerabbli***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu azzjoni effettiva kontra kwalunkwe forma ta'*** preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni ***jew reat ta' mibegħda***;

Or. en

Emenda 580
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ***il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra*** ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ***il-forom kollha*** ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli;

Or. en

Emenda 581
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli ***b'mod olistiku***;

Or. en

Emenda 582
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ksenofobija, ***il-Kristjanofobija,*** ir-razziżmu, il-misoġinija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' preġudizzju, intolleranza, diskriminazzjoni u mibegħda kontra persuni vulnerabbli;

Or. pl

Emenda 583
Alice Teodorescu Måwe, Céline Imart, Ondřej Kolář, François-Xavier Bellamy, Henrik Dahl, Miriam Lexmann, Sander Smit, Hildegard Bentele

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-eskalazzjoni tal-antisemitiżmu fl-Unjoni Ewropea mill-attakki terroristiċi tal-Ħamas tas-7 ta' Ottubru 2023 u jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda fl-atti antisemitiċi simulati bħala anti-Żijoniżmu, bħall-attakki kontra l-Lhud u l-postijiet ta' qima u edukazzjoni Lhud, il-fastidju tal-istudenti Lhud fuq il-kampusijiet

universitarji, il-profanazzjoni tal-monumenti tal-Olokawst, appelli biex l-intifada tiġi globalizzata fl-hekk imsejħa manifestazzjonijiet favur il-Palestina sponsorjati minn organizzazzjonijiet marbuta ma' gruppi terroristiċi bħal Samidoun; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċeleraw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u jsaħħu s-sistemi nazzjonali ta' sikurezza biex jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini Lhud Ewropej;

Or. en

Emenda 584
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li jindikaw żieda sinifikanti fl-antisemitiżmu madwar l-Unjoni, inkluż online, fi spazji pubbliċi u fil-komunitajiet lokali; jisħaq li ħafna individwi Lhud jirrapportaw ostakli biex jesprimu b'mod miftuħ l-identità tagħhom u jkomplu jiffaċċjaw tħassib dwar is-sikurezza; jissottolinja li l-inċidenti antisemitiċi għandhom it-tendenza li jiżdiedu matul perjodi ta' tensjoni ġeopolitika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-mekkaniżmi ta' prevenzjoni, rapportar u appoġġ għall-vittmi, jiżguraw l-infurzar sħiħ tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali, u, meta jkun meħtieġ, itejbu l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-miżuri ta' sigurtà;

Or. en

Emenda 585
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi ż-żieda f'daqqa tal-antisemitiżmu fl-Unjoni Ewropea; iwissi dwar iż-żieda fl-atti antisemitiċi li qed iseħħu, bħal attakki kontra persuni Lhud u mhux Lhud u l-postijiet ta' qima u edukazzjoni, il-fastidju tal-istudenti, u l-profanazzjoni tal-monumenti tal-Olokawst; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċeleraw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u jsaħħu s-sistemi nazzjonali ta' sikurezza biex jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini Lhud Ewropej;

Or. en

Emenda 586
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 587
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 588
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija ***u*** s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni; ***jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa kostituzzjonali u leġiżlattivi nazzjonali ma jkunux jistgħu jintużaw ħażin biex jdgħajfu s-supremazija tad-dritt tal-UE jew biex jistigmatizzaw il-minoranzi bl-iskuża tal-"identità***

nazzjonali"; jikkundanna bil-qawwa l-applikazzjoni kontinwa tal-hekk imsejħa liġi dwar il-"protezzjoni tat-tfal" fl-Ungerija, li tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta li tmur kontra l-Artikoli 7, 11, 21 u 24 tal-Karta;

Or. en

Emenda 589
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri***, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja,*** jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ ***u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni***;	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+;

Or. en

Emenda 590
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, ***b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja,*** jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra ***l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li***	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw ***b'mod inġust*** kontra ***kwalunkwe ċittadin***;

ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inkluż l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;

Or. en

Emenda 591
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inkluż l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inkluż l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal att legali dwar projbizzjoni tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha, bħala azzjoni ta' segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea";***

Or. en

Emenda 592
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja,	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja

jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u ***joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef*** id-drittijiet ***tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni***;	***jirrispettaw il-libertà ta' għaqda*** u ***jiżguraw*** id-drittijiet ***fundamentali tal-minoranzi fil-leġiżlazzjoni tagħhom***;

Or. fi

Emenda 593
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. ***Iħeġġeġ lill-Istati*** Membri, ***b'mod partikolari l-Ungerija*** u s-Slovakkja, ***jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni***;	29. ***Jirrispetta bis-shiħ id-dritt tal-Istati*** Membri, ***bħall-Ungerija*** u s-Slovakkja, ***li jadottaw, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħhom, il-leġiżlazzjoni li jqisu meħtieġa***;

Or. sk

Emenda 594
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri***, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu***	29. Iħeġġeġ lill-Istat Membri ***kollha jikkonformaw mal-ġurisprudenza attwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tas-sentenzi mogħtija fi kwistjonijiet ta'***

kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;	***Drittijiet Fundamentali***;

Or. en

Emenda 595
Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ ***u l-familji qawsalla*** u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+***, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni***;	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja, jirrieżaminaw il-liġijiet li jiddiskriminaw kontra l-persuni LGBTIQ+ u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+;

Or. pl

Emenda 596
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri***, b'mod partikolari l-Ungerija u s-Slovakkja,*** jirrieżaminaw ***il-liġijiet*** li ***jiddiskriminaw*** kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li	29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrieżaminaw ***kwalunkwe liġi jew politika*** li ***tiddiskrimina*** kontra l-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla u joqogħdu lura milli jressqu kwalunkwe inizjattiva li tirriskja li ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni

ddgħajjef id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;	LGBTIQ+, inklużi l-hekk imsejħa liġijiet ta' propaganda kontra l-LGBTI, u jipprojbixxu t-terapiji ta' konverżjoni;

Or. en

Emenda 597
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani u l-persuni b'diżabbiltà;	***imħassar***

Or. en

Emenda 598
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani ***u l-persuni b'diżabbiltà***;	30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw is-sentenzi tal-QEDB dwar id-drittijiet tal-poplu Rom u lill-Kummissjoni timmonitorjahom***;

Or. en

Emenda 599

Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani u ***l-persuni*** b'diżabbiltà;	30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw ***il-gruppi vulnerabbli inklużi l-persuni*** ta' oriġini Romani u l-persuni b'diżabbiltà;

Or. en

Emenda 600
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani u l-persuni b'diżabbiltà;	30. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni ta' oriġini Romani u l-persuni b'diżabbiltà;

Or. fi

Emenda 601
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jinsab imħasseb dwar il-politiki kontra t-terroriżmu li wasslu għal diskriminazzjoni u ostilità kontra ċerti gruppi, inklużi komunitajiet ta' kulur,

komunitajiet Musulmani, movimenti kontra r-razziżmu, attivisti u organizzazzjonijiet; jiddenunzja li l-effett ta' tali politiki jinkludi d-deleġittimizzazzjoni u f'xi każijiet il-kriminalizzazzjoni, jew it-tentattiv li jiġu kriminalizzati diskorsi politiċi, diskorsi reliġjużi u diskorsi oħrajn, prattiki legali u tal-infurzar tal-liġi diskriminatorji, inkluż it-tfassil ta' profili razzjali u reliġjużi, it-tnaqqis tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u l-awtoċensura tal-fehmiet politiċi tas-soċjetà ċivili u l-waqfien ta' dibattitu politiku miftuħ u liberu; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura minn tali prattiki jew milli jadottaw politiki u leġiżlazzjoni li jistgħu jwasslu għal tali konsegwenzi għal dawn il-komunitajiet;

Or. en

Emenda 602
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza u koerċizzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari l-isterilizzazzjoni furzata, li tikkostitwixxi ksur serju tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkriminalizzaw l-isterilizzazzjoni furzata mingħajr eċċezzjonijiet abbażi ta' diżabbiltà jew kapaċità legali u jipprovdu reparazzjoni lis-superstiti; jitlob Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza u l-Intersezzjonalità; iħeġġeġ ir-rikonoxximent tal-lingwi tas-sinjali nazzjonali bħala parti mid-diversità lingwistika tal-UE u l-inklużjoni tagħhom

fl-edukazzjoni, fl-amministrazzjoni pubblika u fil-media;

Or. en

Emenda 603
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mis-CRPD biex itemmu b'mod definittiv id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà u jiżguraw it-tgawdija ugwali tagħhom tad-drittijiet fundamentali u l-parteċipazzjoni sħiħa fl-oqsma kollha tas-soċjetà[1a]; itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv biex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien;
	[1a] https://tbinternet.ohchr.org/_layouts/15/treatybodyexternal/Download.aspx?symbolno=CRPD%2FC%2FEUR%2FCO%2F2-3&Lang=en

Or. en

Emenda 604
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali li

jiffaċċjaw ir-Rom u jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, għall-Inklużjoni u għall-Parteċipazzjoni;

Or. en

Emenda 605
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jappella għat-tisħiħ tal-Pjattaforma tal-UE dwar id-Diżabbiltà bħala l-mekkaniżmu parteċipattiv permanenti għad-djalogu politiku mal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà (OPD); jitlob li l-Kummissjoni żżomm qafas ta' monitoraġġ trasparenti għall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, b'rapportar pubbliku annwali u involviment sinifikattiv tas-soċjetà ċivili;[1] jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom imexxu bl-eżempju billi jiżguraw l-aċċessibbiltà, ir-reklutaġġ inklużiv, u żieda sinifikanti fil-persunal b'diżabbiltà fl-amministrazzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 606
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30c. Jappoġġja l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabbiltà fl-Azzjoni Esterna tal-UE, li jiżgura li l-programmi ta' żvilupp u umanitarji tal-UE jintegraw bis-sħiħ id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, b'mod konsistenti mal-Artikolu 32 tas-CRPD; jappella għal linji baġitarji ddedikati għal rispons umanitarju inklużiv għad-diżabbiltà, ir-rikostruzzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ lill-UE tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom f'fora internazzjonali, inklużi l-COPs u s-Summit Globali dwar id-Diżabbiltà, biex l-Unjoni tiġi ppożizzjonata bħala mexxejja globali fil-politika inklużiva għad-diżabbiltà;

Or. en

Emenda 607
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà u, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jippromwovu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà, f'konformità mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030;

Or. en

Emenda 608
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van

Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet ***ambjentali,*** soċjali u ekonomiċi ***f'riskju***	***Il-protezzjoni ta'*** drittijiet soċjali u ekonomiċi

Or. en

Emenda 609
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet ***ambjentali,*** soċjali u ekonomiċi f'riskju	Drittijiet soċjali u ekonomiċi f'riskju

Or. en

Emenda 610
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport li jivvaluta l-possibbiltà u l-modalitajiet tal-espansjoni tal-mandat tal-UPPE, kif previst fl-Artikolu 86 tat-TFUE, biex jinkludi reati ambjentali serji li huma ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni jew li jaffettwaw l-applikazzjoni konsistenti tal-politiki tal-UE relatati mal-protezzjoni tal-ambjent;

Or. en

Emenda 611
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta'*** għajxien ***adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd,*** inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;	31. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li l-fondi tal-UE ddedikati għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-titjib tal-istandards ta'*** għajxien — inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa — ***jintużaw b'mod effettiv, trasparenti u esklużiv għall-benefiċċju ta' gruppi żvantaġġati u emarġinati, inklużi l-minoranzi etniċi***; ***jisħaq li l-każijiet reċenti ta' użu ħażin ta' tali fondi, b'mod partikolari fis-Slovakkja, dgħajfu serjament il-kredibbiltà tal-programmi tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ, l-awditjar u l-involviment dirett tal-komunità biex tiggarantixxi li kull euro jilħaq il-benefiċjarji intenzjonati tiegħu u jikkontribwixxi għal titjib ġenwin fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom;***

Or. en

Emenda 612
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;	31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;

jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u mal-Karta Soċjali Ewropea u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorjaha mill-qrib u tieħu azzjoni biex tindirizza sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità;

Or. en

Emenda 613
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien ***adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa***;	31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ***li kulħadd ikollu opportunità ġusta biex jikseb l-ogħla*** standard ta' għajxien ***possibbli, permezz tal-akbar libertà ekonomika possibbli u libertajiet ċivili oħra, taxxi baxxi, regolamenti sempliċi li jinftiehmu minn kulħadd, it-tnaqqis tal-burokrazija, u l-appoġġ għall-intraprenditorija u l-awtonomija tas-soċjetajiet***;

Or. en

Emenda 614
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni***, l-edukazzjoni ***ta' kwalità***,	31. ***Jenfasizza li l-politika tal-akkomodazzjoni***, l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa ***huma kwistjonijiet għall-Istati Membri***;

is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;

Or. fi

Emenda 615
Lukas Mandl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;	31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, ***f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom,*** inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni ***affordabbli***, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 616
Nikola Bartůšek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ***standard ta' għajxien adegwat u ambjent b'saħħtu għal kulħadd, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni ta' kwalità, is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa***;	31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ***li l-libertà ta' intrapriża u d-dritt li wieħed ma jkunx ristrett minn regolamentazzjoni żejda eċċessiva jiġu implimentati fl-UE***;

Or. en

Emenda 617

Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jirrakkomanda bil-qawwa l-ħolqien ta' Strateġija tal-UE dwar it-Tranżizzjoni mill-Istituzzjonijiet għall-Inklużjoni Komunitarja, biex tiġi eliminata gradwalment il-kura istituzzjonali u jiġi ggarantit għajxien indipendenti, f'konformità mal-Artikolu 19 tas-CRPD; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi Fond għal Akkomodazzjoni Aċċessibbli u Affordabbli, li jiżgura li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Akkomodazzjoni li jmiss jagħti prijorità lill-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-effiċjenza enerġetika; jisħaq li l-akkomodazzjoni aċċessibbli u l-assistenza personali huma essenzjali għad-dinjità u l-awtonomija tal-persuni b'diżabbiltà;

Or. en

Emenda 618
Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jisħaq li l-erożjoni kontinwa tal-istandards demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija u r-rigress reċenti fis-Slovakkja jheddu l-kredibbiltà tal-Unjoni bħala komunità ta' valuri; jappella għall-ħolqien ta' Mekkaniżmu permanenti għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali li jgħaqqad l-għodod eżistenti kollha, inkluż l-proċedura tal-Artikolu 7 tat-

TUE, ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, u r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, f'qafas uniku u infurzabbli bi skattaturi awtomatiċi u sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità persistenti;

Or. en

Emenda 619
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jistieden lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Istati Membri tiegħu jadottaw protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem inkluż id-dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli; jissottolinja l-importanza li jingħata aċċess għall-ġustizzja, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni fi kwistjonijiet ambjentali, kif affermat mill-ġdid mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha tal-2024 dwar il-ġurisprudenza KlimaSeniorinnen vs l-Iżvizzera (53600/20);

Or. en

Emenda 620
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jesprimi tħassib li l-akkomodazzjoni hija ttrattata bħala komodità aktar milli dritt tal-bniedem u ben soċjali; jitlob li jiżdied l-aċċess għal

akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, kif ukoll li jiġu adottati strateġiji ta' akkomodazzjoni fit-tul u bbażati fuq id-drittijiet li huma ffukati wkoll fuq il-prevenzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

Or. en

Emenda 621
Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina x'passi huma meħtieġa għall-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Karta Soċjali Ewropea, u tipproponi qafas ta' żmien biex jintlaħaq dak l-objettiv;

Or. en

Emenda 622
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31b. Ifakkar li l-faqar jikkostitwixxi ksur tad-dinjità tal-bniedem u ċaħda tad-drittijiet fundamentali, kif rikonoxxut mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 9 tat-TFUE; jisħaq li l-ġlieda kontra l-faqar għandha għalhekk tkun prijorità ċentrali u vinkolanti għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha; jappella għall-integrazzjoni tal-objettivi tal-qerda tal-faqar fil-politiki ekonomiċi,

soċjali u ambjentali kollha tal-UE permezz ta' approċċ ta' integrazzjoni allinjat mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDG 1); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkorpora l-qerda tal-faqar bħala objettiv orizzontali fiċ-ċiklu strateġiku li jmiss tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmi ċari ta' governanza u monitoraġġ fl-ambitu tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 623
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31b. Jenfasizza li l-ħsara ambjentali u n-nuqqas minn xi awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu informazzjoni dwar riskji ambjentali serji li għalihom ikunu esposti l-individwi, jista' jkollhom konsegwenzi dannużi serji għall-individwi; jitlob li fil-politiki tal-Unjoni jiġu integrati miżuri biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent li hija minquxa fl-Artikolu 37 tal-Karta; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jiksbu emissjonijiet żero netti fl-UE sal-2050; jistieden lill-Kummissjoni testendi l-mandat tal-UPPE biex jinkludi r-reati ambjentali;

Or. en

Emenda 624
Lucia Yar, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31b. Jenfasizza l-Preambolu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar id-dritt ta' kull persuna li tgħix f'ambjent adegwat għas-saħħa u l-benesseri tagħha u l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jipprevedi li livell għoli ta' protezzjoni ambjentali jrid jiġi integrat fil-politiki tal-UE; itenni t-talba tiegħu biex l-ambjent b'saħħtu jiġi rikonoxxut fil-Karta;

Or. en

Emenda 625
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31c. Itenni li l-aċċess għal introjtu adegwat huwa prerekwiżit biex wieħed jgħix ħajja dinjituża; jitlob l-adozzjoni ta' Direttiva Qafas vinkolanti tal-UE dwar l-Introjtu Minimu li tiggarantixxi introjtu ogħla mil-livell limitu tal-faqar f'kull Stat Membru; ifakkar fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2022 dwar introjtu minimu adegwat u jħeġġeġ it-trasformazzjoni tagħha f'leġiżlazzjoni vinkolanti b'indikaturi komuni, monitoraġġ u impenji ta' finanzjament; jisħaq li skemi bħal dawn iridu jiġu kkomplementati b'aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, it-trasport u l-enerġija biex jiġu żgurati inklużjoni reali u parteċipazzjoni ugwali fis-soċjetà;

Or. en

Emenda 626
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31d. Jitlob li tiġi stabbilita Strateġija Ewropea Kontra l-Faqar bi pjan direzzjonali ċar biex jinqered il-faqar sal-2030, inklużi miri intermedji li jistgħu jitkejlu għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, fost dawk li jaħdmu u fost il-pensjonanti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq Osservatorju tal-Faqar tal-UE, li jibni fuq il-ħidma tal-Eurofound u tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, biex jiġu segwiti l-faqar u l-inugwaljanza multidimensjonali madwar l-Istati Membri; jitlob li jkun hemm parteċipazzjoni strutturata tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;

Or. en

Emenda 627
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31e. Jenfasizza li l-faqar mhuwiex distribwit b'mod ugwali iżda jikkoinċidi mal-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, l-oriġini

etnika, l-istatus tal-migrazzjoni u l-iżvantaġġ rurali jew reġjonali; jappella għal miżuri mmirati kontra l-faqar għan-nisa, it-tfal, il-familji b'ġenitur wieħed, ir-Rom u l-gruppi razzjalizzati, il-persuni b'diżabbiltà, u l-migranti; jisħaq li l-ġlieda kontra l-faqar intersezzjonali tirrikjedi l-kombinament ta' appoġġ għall-introjtu, politika kontra d-diskriminazzjoni, impjiegi ta' kwalità u servizzi affordabbli;

Or. en

Emenda 628
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31f. Jisħaq li l-qerda tal-faqar ma tistax tinkiseb mingħajr finanzjament suffiċjenti u prevedibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiddedikaw mill-anqas 25 % tal-fondi ta' koeżjoni u strutturali kollha għall-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar, u l-opportunitajiet indaqs; jitlob li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss jinkludi Tieqa għall-Investiment Soċjali li tagħti prijorità lill-ġlieda kontra l-faqar u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jappella għall-użu sħiħ tal-Fond Soċjali għall-Klima, il-FSE+, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġu appoġġjati l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;

Or. en

Emenda 629
Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Alessandro Zan, Pina Picierno, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Hannes Heide, Francisco Assis, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31g. Jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar hija essenzjali għal-leġittimità demokratika u l-effettività tal-politiki kontra l-faqar; jappella għal strutturi ta' djalogu permanenti fil-livelli tal-UE u nazzjonali mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions, u l-atturi ta' ispirazzjoni reliġjuża involuti fl-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 630
Anna Strolenberg, Marco Tarquinio, Pernando Barrena Arza

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Inħarsu lil hinn mill-2025
	Ifakkar li l-pedamenti tal-proġett tal-UE kienu jinkludu l-benesseri tan-nies bħala pilastru u jqis li, irrispettivament minn kwalunkwe sfida ġeopolitika, ta' sigurtà u soċjoekonomika, l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; jitlob lill-Kummissjoni tpoġġi l-benesseri tal-individwi, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, fuq quddiem nett tal-politiki eżistenti u futuri kollha tal-UE, tinkludi dimensjonijiet oħra tas-sigurtà bħas-sigurtà tal-ikel u tas-saħħa fl-aġenda politika tagħha, u toqgħod lura milli

tipproponi u tadotta politiki u miżuri li jiggravaw l-inugwaljanza u l-esklużjoni;

Or. en